Vol 36
Nru 190
Ottubru - Diċembru 2015

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2015



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Patri Franġiskan fil-Bieb*
*tal-Bażilika tal-Qabar*
*ta' Kristu*


# Werrej




6





15





22

28


6 Il-Komunitajiet Insara fl-Art Imqaddsa: il-Knejjes Kattoliċi

15 Il-Verġni Marija Santissima fl-Erba' Evanġelji

22 Twelid il-Messija mħabbar ukoll mis-salmi

28 "Għal dejjem it-tjieba tiegħu!" Ritornell għall-Ġublew tal-Ħniena

35 Tliet parabboli fuq it-talb fl-Evanġelju skont San Luqa

41 Monasteri fid-deżert tal-Lhudija: Il-Monasteri ta' Mar Saba




35

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Pellegrinaġġi bla periklu

Fuq invit tal-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, Fouad Twal, bejn il-11 u s-16 ta' Settembru ġiet iċċelebrata fl-Art Imqaddsa l-Assemblea annwali plenarja tal-Presidenti tal-Konferenzi Episkopali tal-Ewropa. F'din l-Assemblea jieħdu sehem rappreżentanti minn 45 nazzjon fl-Ewropa. Il-Konferenza Episkopali Maltija kienet irrappreżentata mill-Isqof ta' Għawdex Mario Grech.

Matul il-ġranet tal-Assemblea l-isqfijiet u l-kardinali preżenti żaru u ċċelebraw l-Ewkaristija f'diversi santwarji tal-Art Imqaddsa, u speċjalment f'Nażaret, Betlehem u l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. L-iskop li għalih il-Patrijarka ta' Ġerusalemm stieden lil dawn il-Presidenti tal-Konferenzi Episkopali kien biex huma jagħmlu esperjenza ta' pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa u bħala sinjal tal-viċinanza tal-Knisja Kattolika fl-Ewropa għall-qagħda tal-Insara fl-Art Imqaddsa u fil-Lvant Nofsani in ġenerali, l-aktar fis-Sirja u l-Iraq, fejn l-Insara sofrew persekuzzjoni iebsa f'dawn l-aħħar snin.

Il-qofol tal-pellegrinaġġ tal-isqfijiet kienu ċ-ċelebrazzjonijiet li saru fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Nhar l-14 ta' Settembru, festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib, l-isqfijiet u l-kardinali għamlu ingress solenni fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, u wara kantaw l-Għasar flimkien mal-komunità Franġiskana. Fis-16 ta' Settembru filgħodu l-istess isqfijiet u kardinali kkonċelebraw flimkien quddiesa quddiem l-Edikola tal-

*...editorjal*

*Pellegrinaġġi Bla Periklu*



Qabar ta' Kristu fi tmiem l-Assemblea tal-Konferenzi Episkopali tal-Ewropa.

Għalkemm bosta mill-kardinali u isqfijiet kienu diġà żaru l-Art Imqaddsa, u anke ġew fuq pellegrinaġġ, din kienet okkażjoni unika biex huma jagħmlu esperjenza ta' pellegrinaġġ flimkien bħala mexxejja spiritwali ta' miljuni ta' Kattoliċi fl-Ewropa. Għal dan l-iskop, qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-Għasar il-Patri Kustodju tal-Art Imqaddsa, Pierbattista Pizzaballa, kellem lill-isqfijiet u l-kardinali preżenti. Filwaqt li sellmilhom u laqagħhom fl-aktar santwarju qaddis għall-Kristjanità, il-Patri Kustodju ħeġġiġhom biex din l-esperjenza spiritwali li għamlu jwassluha u jikkomunikawha lill-Kattoliċi Insara tad-djoċesijiet tal-Konferenzi rispettivi li huma jirrappreżentaw.

Il-Kustodju tkellem fuq il-ħtieġa li jerġgħu jitqajmu l-pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa, li f'dawn l-aħħar sentejn naqsu minħabba diversi fatturi. Il-fattur prinċipali hu l-biża' minn sitwazzjonijiet ta' gwerra li diversi drabi jgerrxu lill-pellegrini mill-Art Imqaddsa. Il-gwerra f'Gaża kienet fattur fundamentali li skoraġġixxa bosta pellegrini milli jiġu fl-Art Imqaddsa, imma wkoll it-tensjoni in ġenerali li hemm bħalissa fil-Lvant Nofsani, l-aktar minħabba t-terroriżmu u l-attakki kontra l-Insara fis-Sirja, Iraq, Eġittu u pajjiżi oħrajn viċini. Fattur ieħor hu dak tal-kriżi ekonomika li għaddejja minnha bħalissa d-dinja, għalkemm dan il-fattur hu sekondarju. Fil-fatt, ġie reġistrat li l-pellegrini li jiġu minn pajjiżi ifqar minn dawk tal-punent, bħalma huma pajjiżi tal-Afrika, il-Brażil, ir-Russja u l-pajjiżi tal-Ewropa tal-lvant, żdiedu, filwaqt li naqsu b'mod drastiku l-pellegrini li jiġu mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ewropa tal-punent (Italja u Spanja b'mod partikulari). Dan ifisser li l-problema mhijiex daqstant ekonomika, imma pjuttost kwestjoni ta' fidi u impenn nisrani. Il-pellegrini li jiġu minn pajjiżi fejn is-sentiment Kristjan għadu qawwi (speċjalment minn pajjiżi Ortodossi) għadhom jiġu bi ħġarhom minkejja d-diffikultajiet ekonomiċi, filwaqt li l-pellegrini li jiġu minn pajjiżi aktar għonja imma sekolarizzati naqsu ħafna.

Dan kollu għandu jwassalna għal riflessjoni serja dwar l-impenn tagħna li naħdmu ħalli l-esperjenza ta' fidi fl-Art Imqaddsa permezz tal-pellegrinaġġ tibqa' soda anke f'pajjiżi li tradizzjonalment huma Kattoliċi. Dan jinkludi wkoll il-każ tagħna f'Malta li, għalkemm

numerikament m'aħniex miljuni, imma xorta dejjem irnexxielna niġu bi ħġarna fl-Art Imqaddsa.

Il-Patri Kustodju qal lill-isqfijiet li ma hemm l-ebda periklu li l-Insara jiġu fl-Art Imqaddsa. Hu importanti li huma jgħidu lill-Insara fid-djoċesijiet tagħhom li, pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa, jiġifieri fis-santwarji li jinsabu f'Israel u fil-Palestina, ma jġib miegħu l-ebda riskju serju aktar minn kull vjaġġ ieħor turistiku li wieħed jista' jagħmel, ukoll fil-pajjiżi tal-Ewropa.

Hu importanti li l-Insara jiġu edukati dwar l-iskop veru tal-pellegrinaġġ. Dan għaliex illum nassistu għal moviment ta' turiżmu tal-massa, u daħlet ukoll l-idea ta' turiżmu reliġjuż. B'din l-espressjoni wieħed jifhem li aġenzija torganizza vjaġġ f'post fejn hemm xi santwarju importanti (Lourdes, Fatima, Medjugorje), imma fl-istess ħin tagħti ħin twil, jekk mhux ġranet, għal vjaġġi ta' natura purament turistika f'żoni qrib dawn is-santwarji. Anke f'Malta daħlet l-idea li nirreklamaw lill-pajjiżna bħala post ideali għal turiżmu reliġjuż.

Naturalment, jekk dan hu l-iskop ta' industrija turistika li hi bbażata fuq il-qligħ ekonomiku, mhux l-iskop ta' min irid jorganizza pellegrinaġġ. Il-kelma pellegrinaġġ tfisser vjaġġ bi skop purament reliġjuż, u bi skop ta' tiġdid ta' fidi. Il-pellegrin jasal fid-destinazzjoni tiegħu bl-iskop prinċipali li jitlob u jagħmel esperjenza ta' fidi, ukoll jekk hu importanti li jsib lukanda komda, mezzi ta' trasport effiċjenti, u sigurtà personali. L-ispirtu tal-pellegrinaġġ jitlob spirtu ta' sagrifiċċju u ċaħda minn interessi purament personali ta' divertiment, biex wieħed jingħaqad ma' komunità ta' Insara li titlob flimkien u tagħmel mixja fiżika li hi simbolu tal-mixja ta' fidi.

Dawn il-fatturi kollha huma importanti biex wieħed jifhem x'inhu l-iskop tal-pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa. Sfortunatament is-santwarji tal-fidwa qed jiġu invażati minn turisti, anke dawk hekk imsejħin vjaġġi ta' turiżmu reliġjuż. Il-perċentwal ta' dawk li huma verament pellegrini naqas ħafna, speċjalment fil-każ ta' viżitaturi minn pajjiżi għonja. Il-veru periklu għall-pellegrin mhux is-sigurtà fuq il-persuna tiegħu. L-istati li fihom jinsabu s-santwarji tal-fidwa, jiġifieri Israel b'mod speċjali, imma anke l-Palestina, ma għandhom l-ebda intenzjoni li jgerrxu lit-turisti. Huma jagħmlu minn kollox biex jipproteġu lit-turisti minn kull periklu, imma naturalment il-mezzi li jużaw huma sempliċement immirati għall-qligħ ekonomiku.

Din hi r-raġuni għaliex hu importanti li nerġgħu nqajmu l-pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa. Pellegrinaġġ li jsir kif suppost hu esperjenza ta' irtir spiritwali u ta' evanġelizzazzjoni unika. Hu okkażjoni li wieħed jiltaqa' mal-kulturi u r-reliġjonijiet li jgħixu fl-Art Imqaddsa, u jifhem anke l-bżonn tar-rikonċiljazzjoni u l-kollaborazzjoni reċiproka bejn popli u reliġjonijiet. Meta wieħed jasal fl-Art Imqaddsa ppreparat jintebaħ li l-esperjenza ta' pellegrinaġġ hi unika, u mhux l-ewwel darba li wieħed ikun irid jirrepetiha aktar minn darba f'ħajtu.

## *Il-Bord Editorjali jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha*



# IL-KOMUNITAJIET INSARA FL-ART IMQADDSA: IL-KNEJJES KATTOLIĊI

*Noel Muscat ofm*

## Karatteristiċi tal-Knejjes Kattoliċi fl-Art Imqaddsa

Forsi jidher stramb it-titlu "Knejjes Kattoliċi", meta aħna mdorrijin nitkellmu mill-Knisja Kattolika. Imma dan it-titlu hu meħtieġ biex nifhmu li l-Knisja Kattolika mhijiex biss il-Knisja Latina, jew Rumana, li aħna membri tagħha. Fl-Art Imqaddsa, barra mill-Knisja

Latina, insibu wkoll Knejjes Kattoliċi ta' Rit Orjentali, jiġifieri Knejjes li jgħożżu r-riti u t-tradizzjonijiet komuni għall-Knejjes Orjentali Antiki u Ortodossi li semmejna, imma li jaċċettaw l-awtorità tal-Papa u huma f'komunjoni ta' fidi mal-Knisja ta' Ruma, u għalhekk huma Kattoliċi. Dawn huma l-Knisja Griega Kattolika (Melkita), il-Knisja Armena Kattolika, il-Knisja Maronita, il-Knisja Siro-Kattolika, u l-Knisja Kaldea. Dawn il-Knejjes jesprimu t-tradizzjonijiet marbutin mal-Knisja Biżantina, jew ma' dik Armena, jew ma' dik Antjokena (l-aħħar tliet Knejjes li semmejna). Fl-Art Imqaddsa l-Knisja Griega Kattolika u l-Knisja Maronita għandhom numru kbir ta' fidili u djoċesijiet proprji. Dawn il-Knejjes jissejħu *sui juris*, jiġifieri li għandhom liġijiet u użanzi proprji, li huma aċċettati mill-Knisja ta' Ruma.

L-ewwel tentattiv biex il-Knejjes Orjentali jingħaqdu mal-Knisja ta' Ruma kien seħħ matul il-Konċilju ta' Ferrara-Firenze (1438-1439), bil-Bulla *Laetenur caeli* li ħabbret l-unjoni bejn il-Latini u l-Griegi Ortodossi. Fl-1439 seħħet l-unjoni tal-Knisja ta' Ruma mal-Knisja Armena, fl-1442 mal-Knisja Kopta, fl-1444 ma' xi Knejjes Sirjaċi u mal-Kaldej, u fl-1445 mal-Knisja Maronita tal-Libanu. Imma sfortunatament dawn kienu tenattivi li fallew wara biss ftit snin. Ħallew warajhom, iżda, xewqa sinċiera ta' bosta Insara Orjentali biex jidħlu f'unjoni mal-Knisja ta' Ruma, u għalhekk twieldu l-Knejjes hekk imsejħin "unjati", jiġifieri "magħqudin" mal-Knisja ta' Ruma. Naturalment dan il-fatt wassal għal sentimenti ta' antagoniżmu min-naħa tal-Knejjes Ortodossi li raw lil dawn l-Insara membri tagħhom li saru Kattoliċi bħala tradituri. Min-naħa tagħha l-Knisja ta' Ruma rrispettat l-identità tar-riti u t-tradizzjonijiet partikulari ta' dawn il-Knejjes Orjentali li daħlu fil-komunjoni Kattolika, u li għaldaqstant saru Knejjes Kattoliċi f'komunjoni mal-Knisja Latina (hekk imsejħa Knisja Kattolika Rumana).

Illum il-ġurnata, fl-Art Imqaddsa hemm il-preżenza tal-Knisja Kattolika Latina fil-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm (bil-vigarjati Patrijarkali ta' Nazaret u Amman fil-Ġordanja), li reġa' ġie mwaqqaf fl-1847. Il-preżenza Kattolika Latina ġiet iggarantita matul is-sekli sal-ġurnata tal-lum mill-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Fi ħdan il-Patrijarkat Latin hemm ukoll komunità żgħira ta' Kattoliċi ta' espressjoni Ebrajka.

Il-Knisja Griega Kattolika, imsejħa wkoll Melkita, hi mifruxa ħafna fl-Art Imqaddsa, bi djoċesijiet f'Ġerusalemm, Akri fil-Galilea u Petra-Filadelfia fil-Ġordanja.

Il-Knisja Maronita għandha djoċesijiet f'Haifa, Ċipru u Ġerusalemm. Hi Knisja li oriġinat fil-Libanu, imma tferrxet ukoll sewwa fil-Palestina.

Il-Knejjes Kattoliċi Orjentali l-oħrajn (Armena Kattolika,


*Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm*

Siro-Kattolika u Kaldea) huma kostitwiti fi tliet esarkati (djoċesi tar-riti Orjentali).

Hemm ukoll numru żgħir ta' Kopti Kattoliċi li jgħixu fl-Art Imqaddsa.

## Il-Patrijarkat Latin u l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa

Il-Kristjaneżimu fil-Palestina, kif rajna, kien mill-bidu nett Orjentali, l-ewwel bil-preżenza tal-Lhud Kristjani, imbagħad bil-preżenza ta' Kristjani ta' oriġini Sirjaka u, mis-sena 313 ta' Kristjaneżimu Biżantin. Anke wara l-firda bejn il-Knisja Ortodossa u dik Kattolika fl-1054 il-Patrijarka ta' Ġerusalemm kien Biżantin. Kien biss fl-1099, bil-miġja tal-Kruċjati, li ġie introdott il-Patrijarkat Latin jew Kattoliku, filwaqt li l-Patrijarka Biżantin għex fl-eżilju f'Ċipru u Kostantinopli sa ma telqu l-Kruċjati minn Ġerusalemm fl-1187. Il-Patrijarka Latin baqa' jgħix f'Akri sal-1291 meta l-Kruċjati tkeċċew għal kollox mill-Art Imqaddsa. Il-Knisja Kattolika baqgħet tikkonferixxi t-titlu ta' Patrijarka titulari ta' Ġerusalemm sal-1847, meta l-Papa Piju IX iddeċieda li jerġa' jistabilixxi l-Patrijarkat Latin f'Ġerusalemm. Fiż-żmien bejn il-waqgħa tar-renju tal-Kruċjati u l-1847 ir-responsabiltà pastorali tal-Knisja fl-Art Imqaddsa kienet kollha f'idejn il-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li kienu l-uniċi Kattoliċi preżenti, fil-persuna tal-Patri Kustodju tal-Art Imqaddsa li kellu titlu ta' Vigarju Appostoliku u Kummissarju fuq il-Kattoliċi tal-Orjent, b'ġurisdizzjoni fuq il-Kattoliċi tal-Eġittu, il-Ġordanja, is-Sirja, il-Libanu u Ċipru. Bil-wasla tal-Patrijarka Latin il-Kustodju tal-Art Imqaddsa baqa' superjur ordinarju tal-Postijiet Imqaddsa li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa tħares f'isem il-Knisja Kattolika.

Ta' min jisħaq li kienu l-Franġiskani li żammew ħajja l-komunità Kattolika Latina fl-Art Imqaddsa għal sekli sħaħ. L-eqdem parroċċi fl-Art Imqaddsa (Ġerusalemm, Betlehem, Nazaret) u fil-Lvant Nofsani kollha ġew imwaqqfin mill-Franġiskani, li għadhom jieħdu ħsiebhom sal-lum. Mill-1333 il-Franġiskani kienu residenti fiċ-Ċenaklu, u fl-1342 il-Papa Klement VI iddikjarhom il-Kustodji uffiċjali tas-Santwarji tal-Fidwa f'isem il-Knisja Kattolika. Il-Franġiskani ddefendew id-drittijiet Kattoliċi fuq il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, fuq il-Bażilika tan-Nattività, fuq il-Qabar tal-Madonna, fuq iċ-Ċenaklu, u reġgħu akkwistaw is-Santwarji l-oħrajn kollha, li għadhom f'idejhom sal-ġurnata tal-lum. Ipprovdew għajnuna lill-Insara lokali bi skejjel, orfanatrofji, kura medika,

kif ukoll lill-pellegrini li jżuru l-Art Imqaddsa, u bi tliet sedi akkademiċi ta' studji, l-i*Studium Biblicum Franciscanum* u s-Seminarju Teoloġiku ta' San Salvatur f'Ġerusalemm u ċ-Ċentru ta' Studji Orjentali Kristjani tal-Muski, fil-Kajr, l-Eġittu.

Ir-restawrazzjoni tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm seħħ fl-1847 bil-ħatra ta' Giuseppe Valerga, li daħal solennement fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fis-17 ta' Jannar 1848. Il-ġurisdizzjoni tal-Patrijarka Latin testendi fl-Art Imqaddsa, Ġordanja, u l-gżira ta' Ċipru. Il-Patrijarkat Latin hu sostnut b'mod partikulari mill-Ordni Ekwestru tal-Kavallieri tal-Qabar ta' Kristu, li qabel kien taħt il-kura tal-Franġiskani, li żammew, iżda, id-dritt li jsostnu l-Kustodja tal-Art Imqaddsa bil-ġabra li ssir kull sena għall-Postijiet Qaddisa (il-ġabra tal-Qabar ta' Kristu, magħrufa f'postijiet oħrajn bħala "tal-Ġimgħa l-Kbira").

Illum il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm hu kostitwit mill-Patrijarka Latin, koadjuvat minn Isqfijiet Awżiljarji għal-Lhudija (Ġerusalemm), Galilea (Nazaret), Ġordanja (Amman), minn Vigarju Patrijarkali (Franġiskan) għal Ċipru, u minn Vigarju Patrijarkali għall-komunità Kattolika ta' espressjoni Ebrajka. Kif għidna, il-Patrijarka Latin hu l-Isqof ta' Ġerusalemm, imma m'għandux ġurisdizzjoni fuq is-Santwarji tal-Fidwa, għax dawn jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa u tal-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja, li jikkollaboraw mal-Patrijarkat Latin fit-tmexxija tal-parroċċi li huma f'idejn il-kura tagħhom.

In-numru ta' Kattoliċi ta' rit Latin fl-Art Imqaddsa jasal għal madwar 32,000, imma magħhom ta' min iżid 35,000 Kattoliċi Latini oħrajn fil-Ġordanja. Il-parroċċi fl-Art Imqaddsa huma 29, li minnhom l-akbar tlieta, dawk ta' Ġerusalemm (5,000), Betlehem (6,000) u Nazaret (7,000), u l-parroċċi żgħar ta' Akri, Kana, Tiberija, Ġaffa, Ramleh, Ġeriko, huma f'idejn il-Franġiskani, li jmexxu wkoll ċentri pastorali marbutin mal-parroċċa ta' San Salvatur ta' Ġerusalemm (Beit Hanina, Betfaġe, Beit Safafa). Il-Patrijarkat Latin imexxi l-parroċċi kollha fil-Ġordanja, fejn hemm il-maġġoranza tal-kleru djoċesan tal-Patrijarkat. F'Ċipru l-Patrijarkat

*Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u l-Kwartier Kristjan ta' Ġerusalemm*



għandu ħames parroċċi, li tlieta minnhom huma f'idejn il-Franġiskani (Limassol, Larnaca, Nicosia).

Il-Patrijarkat għandu seminarju maġġuri f'Beit Jala, ħdejn Betlehem. Seminarji oħrajn huma dawk tal-Franġiskani (San Salvatur) u tas-Salesjani (Ratisbonne). Is-Sede tal-Patrijarkat tinsab ħdejn il-Bieb ta' Ġaffa f'Ġerusalemm, fejn hemm ukoll il-Knisja Konkattidrali tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù, billi l-Patrijarka Latin iqis li l-Katidral tiegħu hi l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, element li jnissel problemi mal-Patrijarka Grieg Ortodoss, li jqis lilu nnifsu bħala l-uniku Patrijarka ta' Ġerusalemm bil-kattedra tiegħu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Mill-1987 il-Patrijarka Latin jiġi magħżul fost il-kleru Għarbi tal-Patrijarkat. L-aħħar żewġ Patrijarki Latini kienu Michel Sabbah (minn Nazaret) u l-Patrijarka attwali Fouad Twal (mill-Ġordanja).

Mir-restawrazzjoni tal-Patrijarkat Latin fl-1847 daħlu fl-Art Imqaddsa diversi istituti reliġjużi. Attwalment hemm 31 istitut ta' reliġjużi maskili u 72 ta' reliġjużi femminili, li jmexxu skejjel u opri ta' karità u edukattivi, li jkabbru u jkattru x-xogħol tal-Franġiskani li kienu pijunieri fil-qasam pastorali, edukattiv u karitattiv.

Il-Kattoliċi Latini fl-Art Imqaddsa jużaw ir-Rit Latin (Ruman) tal-Knisja Kattolika, bl-użu tal-Latin fis-Santwarji tal-Fidwa marbutin ma' *Status Quo* (Qabar ta' Kristu u Betlehem) u bl-Għarbi fil-liturġija tal-parroċċi u s-santwarji l-oħra.

Ta' min isemmi l-komunitajiet ta' Kattoliċi li jużaw il-Lhudi (espressjoni Ebrajka), organizzati f'*kehillot* (komunitajiet) f'Ġerusalemm, Ġaffa, Tel Aviv, Haifa u Beer Sheva. B'kollox jammontaw għal xi 300 Kattoliku li, għal diversi raġunijiet, huma ta' espressjoni Ebrajka. Ta' min jinnota li dan ma jfissirx li huma kkonvertew mir-reliġjon Lhudija għal dik Kattolika. Fl-iStat ta' Israel il-proselitiżmu favur reliġjonijiet barra dik Lhudija hu pprojbit. Din il-Knisja Kattolika ta' espressjoni Ebrajka twieldet fl-1955 mid-Dumnikan Bruno Hussar, li waqqaf iċ-ċentru ta' Nevè Shalom, u mill-Karmelitan Daniel Rufeisen, li kienu t-tnejn li huma ta' nisel Lhudi. Il-Patrijarka Latin, il-Franġiskan Alberto Gori, approva l-"Opra ta' San Ġakbu Appostlu". Illum dawn il-komunitajiet jikkostitwixxu Vigarjat Lhudi-Kattoliku tal-Patrijarkat Latin.

L-aħħar fenomenu importanti tal-Knisja Kattolika Latina fl-Art Imqaddsa hu l-preżenza ta' eluf ta' Kattoliċi li huma immigrati f'Israel. Il-kalkoli ta' kemm huma dawn il-Kattoliċi huma diffiċli, imma hu possibbli li huma aktar numerużi mill-istess komunità Kattolika ta' Għarab Palestinjani. Huma Filippini, Latino Amerikani, Afrikani u Indjani, fil-maġġoranza tagħhom. Il-kura pastorali ta' dawn l-immigrati hi f'idejn diversi saċerdoti li

jitkellmu l-lingwi tagħhom, u jiltaqgħu fi knejjes Franġiskani u tal-Patrijarkat Latin u f'ċentri pastorali f'Ġerusalemm, Tel Aviv, Ġaffa, Haifa u Beer Sheva. Huma komunitajiet li dejjem jinbidlu, billi mhux kollha huma residenti f'Israel b'mod permanenti. Dan il-fatt iġib miegħu diffikultajiet kbar biex tiġi organizzata l-pastorali ta' dawn l-immigrati.

## Il-Knisja Griega Kattolika

Il-Knisja Griega Kattolika hi magħrufa bl-isem ta' "Melkita". L-isem hu marbut mal-fatt li l-Knejjes ta' Rit Biżantin kienu jaqgħu direttament taħt l-influss tal-Imperatur (bl-Aramajk il-kelma *malka*, xi kultant ukoll *melek*) tindika r-re. Il-Knejjes li ma aċċettawx il-Konċilju ta' Kalċedonja (il-Monofisiti) bdew isejħu Melkiti lill-Griegi Ortodossi. L-isem spiċċa biex ġie applikat għall-Griegi Kattoliċi, li fil-fatt mhumiex Ortodossi, imma jużaw ir-Rit Biżantin. Ikun aħjar jekk insejħulhom bl-isem proprju tagħhom, Griegi Kattoliċi (*rum-katholik* bl-Għarbi, minħabba li Biżanzju saret "Ruma l-ġdida", distinti mir-*rum-orthodox*, jiġifieri l-Griegi Ortodossi). Il-Griegi Kattoliċi, mela, jużaw l-istess Rit Biżantin tal-Ortodossi, imma huma Kattoliċi għax jobdu lill-Papa u huma parti mill-Knisja Kattolika. F'Malta nafuhom bħala l-Knisja tal-Papas tal-Griegi.

Fl-1724 l-ewwel grupp ta' Kristjani Griegi Ortodossi nfirdu u saru Kattoliċi fis-Sirja. Il-Papa Benedittu XIV irrikonoxxa l-Knisja Griega Kattolika fl-1729. Din il-Knisja tferrxet ħafna, speċjalment fil-Libanu, Ġordanja u b'mod partikulari fil-Galilea. Fil-Lvant Nofsani llum il-Knisja Griega Kattolika hi kbira ħafna, b'madwar nofs miljun ta' fidili.

Il-Griegi Kattoliċi fl-Art Imqaddsa huma komunità mdaqqsa ta' madwar 63 elf, fl-arċieparkija (arċidjoċesi) ta' Haifa u esarkat (djoċesi) ta' Ġerusalemm. Fil-Ġordanja l-Griegi Kattoliċi huma madwar 35 elf preżenti fl-arċieparkija ta' Filadelfia (Amman) u Petra. Huma jiddependu mill-Patrijarkat Melkita Grieg Kattoliku ta' Antjokja, li għandu s-Sede tiegħu f'Damasku. Fl-Art Imqaddsa l-Knisja Griega Kattolika tmexxi 70 parroċċa, taħt il-kura ta' kleru djoċesan Għarbi. Il-kura pastorali tinkludi t-tmexxija ta' skejjel, seminarji, ċentri ta' katekeżi u u oħrajn ta'



*Knisja tal-Lunzjata tal-Griegi Kattoliċi, Ġerusalemm*


*Il-Patrijarka tal-Maroniti*

karità. Il-Griegi Kattoliċi għandhom il-kattidral tal-Lunzjata f'Ġerusalemm (fejn imexxu wkoll il-kappella tal-Veronika, is-6 stazzjon tal-*Via Crucis*) u l-kattidral ta' Nazaret (fil-Knisja tas-Sinagoga ta' Nazaret).

Il-karatteristika tal-Knisja Griega Kattolika fl-Art Imqaddsa hi li hi Knisja totalment Palestinjana, li tuża l-ilsien Għarbi fil-liturġija u l-katekeżi, u li hi preżenti b'mod qawwi ħafna fil-Galilea, fejn kważi l-parroċċi kollha huma Griegi Kattoliċi. L-element Grieg jinkludi l-liturġija Biżantina u l-qima tal-ikoni u t-tradizzjonijiet Orjentali Biżantini, komuni wkoll fil-Knisja Griega Ortodossa. Qawwija wkoll hi l-preżenza tar-reliġjużi monaċi, li jsegwu r-Regola ta' San Bażilju.

## Il-Knisja Maronita

L-isem Knisja Maronita ġej minn San Maroun, wieħed mill-monaċi Sirjani li fis-seklu 4 ġabar madwaru diversi dixxipli f'monasteru qrib Apamea, lejn in-nofsinhar ta' Aleppo. Għalkemm il-monasteru kien jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Patrijarka ta' Antjokja, żviluppa tradizzjonijiet proprji u ma qabilx mal-Knejjes Monofisiti li ma aċċettawx il-Konċilju ta' Kalċedonja. Minħabba persekuzzjonijiet fis-seklu 7, fis-sena 687 diversi monaċi marru jgħixu fil-muntanji tal-Libanu biex isibu kenn, f'żona li sal-lum għadha meqjusa bħala l-benniena tal-Knisja Maronita fil-widien taħt iċ-ċedri tal-Muntanja Libanu. B'hekk il-Knisja Maronita saret sinonima mal-Kristjaneżimu fil-Libanu, u żviluppat rit liturġiku u awtonomija ekkleżjastika proprja. Il-Knisja Maronita bdiet tiġi mmexxija minn isqof li mis-seklu 8 kellu t-titlu ta' Patrijarka ta' Antjokja u tal-Orjent. Għal diversi sekli l-Patrijarki Maroniti kienu jirrisjedu flimkien ma' diversi monaċi fil-Wadi Qannoubine, magħruf ukoll bħala Wadi Qadisha, fejn il-Knisja Maronita żviluppat f'epoka ta' persekuzzjoni.

Fis-seklu 12, mal-miġja tal-Kruċjati, il-Knisja Maronita daħlet f'kuntatt mal-Knisja Latina. Dan wassal biex il-Knisja Maronita tingħaqad mal-Knisja Kattolika fl-1182. Għalkemm għal xi żmien il-Maroniti kienu aċċettaw ereżija ikkundannata mill-Konċilju ta' Kostantinopli III (680-681), imsejħa *monoteliżmu* (Kristu kellu "rieda waħda", *monè thélesis*), fil-fatt huma qatt ma ipprofessaw din id-duttrina.

Il-Knisja Maronita hi l-unika Knisja Orjentali li hi kollha kemm hi Kattolika, u li ma għandhiex Knisja korrispondenti Ortodossa. Fil-Libanu hi l-akbar Knisja, b'madwar 850 elf fidil, filwaqt li l-Kattoliċi Maroniti barra mil-Libanu jlaħħqu mat-3 miljuni. Illum il-ġurnata l-Patrijarka tal-Maroniti jirrisjedi f'Bkerke, xi 15-il kilometru lejn it-tramuntana ta' Beirut, taħt il-muntanja ta' Harissa fejn hemm is-Santwarju nazzjonali tal-Madonna tal-Libanu. Hu jżomm it-titlu ta' Patrijarka ta' Antjokja u tal-Orjent, u dejjem iġib l-isem Boutros (Pietru) biex ifakkar ir-rabta tal-Maroniti mal-ewwel Sede tal-Appostlu Pietru f'Antjokja.

Il-Knisja Maronita hi organizzata ħafna, bi

kleru fil-parroċċi, seminarji, monaċi, u liturġija proprja Siro-oċċidentali li hi mħallta mal-liturġija Latina. Fil-liturġija antikament kien jiġi użat is-Sirjaku, imma llum l-Għarbi hu aktar komuni.

Fl-Art Imqaddsa hemm komunità ta' madwar 7,500 Maronit, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Esarkat Patrijarkali ta' Ġerusalemm u tal-Ġordanja (1895) u tal-Arċieparkija ta' Haifa u tal-Art Imqaddsa (1996). Is-Sede tal-Esarka ta' Ġerusalemm tinsab qrib il-Bieb ta' Ġaffa, faċċata taċ-Ċittadella ta' David, fejn hemm ospizju tal-pellegrini, knisja u kunvent ta' sorijiet Maroniti. Fl-Art Imqaddsa huma bosta r-reliġjużi, irġiel u nisa, anke fost il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li huma ta' nisel Libaniż u huma membri tal-Knisja Maronita.

## Il-Knisja Armena Kattolika

Diġà konna tkellimna dwar l-istorja tal-Knisja Armena Ortodossa u dwar il-Patrijarkat Apostoliku Armen Ortodoss ta' Ġerusalemm. Maż-żmien xi Armeni saru Kattoliċi. Fis-snin 1080-1441, l-aktar minn żmien il-Kruċjati, l-Armeni preżenti f'Sis, fiċ-Ċiliċja (parti mit-Turkija moderna) daħlu f'kuntatt mal-Knisja Kattolika u urew ix-xewqa li jingħaqdu mal-Knisja ta' Ruma. Fl-1439 delegazzjoni tal-Patrijarka taċ-Ċiliċja aċċettat il-Bulla *Exultate Deo*, li biha l-Konċilju ta' Ferrara-Firenze kien iddikjara l-unjoni tal-Knisja Kattolika mal-Knisja Griega Ortodossa. Dan il-fatt wassal għall-firda interna fi ħdan il-Knisja Armena Ortodossa. Kien biss fl-1729 li ġie mwaqqaf Patrijarkat Armen Kattoliku bis-Sede tiegħu f'Bzommar, fil-Libanu, xi 10 kilometri lejn it-tramuntana ta' Beirut.

Illum hu kkalkolat li l-Knisja Apostolika Armena Ortodossa tiġbor fiha xi 6 miljun fidil, filwaqt li l-Knisja Armena Kattolika għandha mat-350,000 fidil. Fl-Art Imqaddsa rajna kif il-preżenza tal-Armeni tmur lura għas-seklu 5, u li kienet ikkonċentrata l-aktar fil-Kwartier Armen tal-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm, madwar il-Katidral ta' San Ġakbu. Il-Knisja Armena Kattolika hi preżenti f'numru żgħir ħafna ta' fidili, forsi xi 500, li jgħixu Ġerusalemm, Betanja, Ramallah u Haifa. L-isqof tagħhom hu l-Esarka Patrijarkali, u s-Sede tiegħu mill-1856 hi fil-Knisja tal-Armeni Kattoliċi fir-4 stazzjon tal-Via Crucis, fejn hemm il-fdalijiet ta' mużajċi tal-kappella antika ta' Santa Maria *dello Spasimo*, li tfakkar il-laqgħa ta' Ġesù mgħobbi bis-salib ma' Ommu Marija.

## Il-Knisja Siro-Kattolika

Rajna diġà l-istorja tal-Knisja Siro-Kattolika jew Ġakobita, waħda mill-Knejjes Monofisti, li żviluppat liturġija u użanzi Siro-Antjokeni distinti mill-Knejjes Kalċedoniżi. Il-Knisja Siro-Kattolika tmur lura għall-1782, meta l-Arċisqof Sirjak-Ortodoss ta' Aleppo, Michel Jarweh ikkonverta għall-Kattoliċeżimu

fl-1774. Hu ġie elett Patrijarka u kkonfermat mill-Papa. Dan wassal għall-firda fi ħdan il-Knisja Siro-Ortodossa. It-tentattivi biex is-Sirjaċi Ortodossi jsiru Kattoliċi kienu bdew diġà fis-seklu 13 u 14, l-aktar bil-ħidma missjunarja tal-Franġiskani u d-Dumnikani.

Illum il-ġurnata s-Siro-Kattoliċi fil-Lvant Nofsani huma preżenti fil-vigarjati tal-Libanu, Turkija u Ġerusalemm, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Patrijarka Siro-Kattoliku. Fl-Art Imqaddsa s-Sirjaċi Kattoliċi huma rappreżentati mill-Esarkat Patrijarkali ta' Ġerusalemm, li twaqqaf fl-1890. Is-Sede tiegħu tinsab fi Triq il-Kaldej, ftit barra mill-Bieb ta' Damasku. Is-Siro-Kattoliċi fl-Art Imqaddsa jlaħħqu biss xi 400 fidil, fil-parroċċi ta' Ġerusalemm u Betlehem.

## Il-Knisja Kaldea

Il-Knisja Kaldea bdiet tissejjaħ hekk fl-1445, meta l-Papa Ewġenju IV uża dan l-isem biex jindika dawk l-Insara Siro-Orjentali (Knisja Assira tal-Orjent) li kienu aċċettaw il-Knisja ta' Ruma permezz tal-Bulla *Benedictus sit Deus* emanata mill-metropolita Timotju ta' Tarsu. Fl-1553 il-Papa Ġulju III ikkonsagra lil Xmun VIII Isqof bit-titlu ta' Patrijarka "ta' Babilonja tal-Kaldej". Il-Knisja Kaldea, bħal dik Assira tal-Orjent, għaddiet minn persekuzzjonijiet kbar. Saħansitra fi żmienna rat persekuzzjoni fl-Iraq, fejn hemm is-Sede patrijarkali f'Baghdad.

Il-liturġija hi dik Kaldea, bi tradizzjonijiet Siro-Orjentali. Fl-Art Imqaddsa hemm Esarkat Patrijarkali tal-Kaldej, imwaqqaf fl-1908 f'Ġerusalemm, bis-Sede tiegħu maġenb il-Patrijarkat Siro-Kattoliku. F'Ġerusalemm jgħixu ftit familji Kaldej. Huma aktar numerużi fil-Ġordanja, fejn hemm eluf ta' rifuġjati Iraqini mill-gwerer ġo dan il-pajjiż. Il-Knisja Assira tal-Orjent, li tissejjaħ ukoll Nestorjana, illum ma għadhiex preżenti fl-Art Imqaddsa, kif sparixxew ukoll il-Knisja Ġorġjana u l-Knisja Nubjana.

Bħala konklużjoni nsemmu li, fl-Art Imqaddsa, hemm ukoll preżenza ċkejkna ħafna ta' Kopti Kattoliċi.

Ma tkellimniex dwar il-Knejjes Protesanti fl-Art Imqaddsa, l-aktar il-Knisja Anglikana, bil-Katidral ta' *Saint George* (1841), u l-Knisja Luterana bir-*Redeemer Church* (1886) li hemm maġenb il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.


*Quddiesa Kantata quddiem l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu*



# IL-VERĠNI MARIJA SANTISSIMA FL-ERBA' EVANĠELJI

*Fr Charles Buttigieg*

*Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi" (Luqa 1:46-47)*



## Il-Madonna: Il-Mara tal-Ewwel Evanġelju

Fil-persuna tal-Verġni Marija Santissima naraw l-aħbar it-tajba tal-ewwel evanġelju tal-imħabba ta' bejn Alla u l-bnedmin kif naraw f'Ġenesi 3:15: "U jien, inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu". Il-Madonna ġiet ppreservata mid-dnub ta' Adam u Eva u tnisslet bl-ikbar intimità u għaqda ma' Alla. Mhux ta' b'xejn mela li f'Marija naraw il-glorja ta' Alla, dik li hi mimlija bil-grazzja. Hija ġiet magħżula sabiex tkun Omm il-Feddej. Ladarba l-Madonna għandha s-sehem uniku tagħha fil-pjan tas-salvazzjoni, allura l-Bibbja titkellem kontinwament dwarha, u dan insibuh jekk niflu sewwa l-ewwel ktieb tal-Bibbja, il-ktieb tal-Ġenesi u nibqgħu sejrin sal-aħħar ktieb, dak tal-Apokalissi. F'dan l-istudju se naraw il-figura ta' din il-Mara Verġni u Immakulata Omm Alla fl-erba' Evanġelji kanoniċi tal-Knisja.

## F'San Mattew: Il-Mara tas-Saltna tas-Smewwiet

L-Appostlu u l-Evanġelista Mattew, bin Alfew, kien minn Kafarnahum u kien pubblikan, jiġifieri dak li jiġbor it-taxxi għar-Rumani. Ġie msejjaħ minn Kristu waqt ix-xogħol

tiegħu. Huwa ppriedka b'mod partikulari fil-Palestina, fl-Asja Minuri, u skont it-tradizzjoni mar l-Etjopja fejn kien hemm ir-reġina Kandace. Huwa kiteb l-ewwel evanġejlu bl-Aramajk. Aktarx ħa l-martirju ġewwa l-Etjopja b'daqqa ta' lanza jew mannara. Is-simbolu tal-evanġejlu tiegħu huwa figura ta' bniedem għaliex proprju jibda l-vanġelu tiegħu bir-razza kollha ta' Ġesù. Il-vanġelu ta' San Mattew jissejjaħ tas-Saltna tas-Smewwiet għaliex naraw tassew lil Ġesù jwaqqaf is-Saltna tiegħu fuq l-art, li tiġbor fiha kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena u li tikber bil-mod il-mod sakemm tasal għall-milja tagħha. Fil-fatt il-vanġelu jitkellem ħafna minn din is-Saltna permezz tal-parabboli li nsibu fih. Infatti l-frażi Griega tas-Saltna tas-Smewwiet: *basileia ton ouranon*, insibuha 27 darba fl-evanġelju. Huwa l-evanġelju tal-komunità u tal-Emmanuel 'Alla magħna', liema frażi nsibuha fil-bidu f'1, 22-23 u fl-aħħar f'28, 20.

Għalhekk Mattew jippreżentalna lil Madonna bħala Omm Alla, bil-Grieg: *Theotokos*, Omm Ġesù, Omm l-Emmanuel kif naraw fir-rakkont tat-twelid ta' Ġesù ġewwa Betlehem: "It-twelid ta' Kristu kien hekk: Meta Marija, ommu, kienet mgħarrsa ma' Ġużeppi, qabel ma għammru flimkien, saret omm mill-Ispirtu s-Santu" (1:18). Hija l-Omm ta' Nazaret (2:19-23) fejn kien hemm tgħammar l-Ewwel Knisja tal-Familja Mqaddsa. Il-Madonna hija l-Mara tal-Kelma u tar-rieda ta' Alla: "Ara ommi u ħuti; għax min jagħmel ir-rieda ta' Missieri, li hu fis-smewwiet, dak hu ħija u oħti u ommi" (12:46). Il-Madonna fuq kollox hija l-mara għaqlija tas-Saltna tas-Smewwiet: "Imma l-għaqlin ħadu ż-żejt fil-kwies mal-imsiebaħ" (25:4) għaliex hija l-ikkonsagrata tal-Ispirtu s-Santu.

## F'San Mark: Il-Mara tad-Dixxipulat ta' Kristu

L-awtur tat-tieni evanġelju huwa Ġwanni Marku, bin Marija ta' Ġerusalemm. Kien ta' nisel Lhudi u kien jiġi ukoll in-neputi ta' Barnaba, il-missjunarju ħabrieki ma' San Pawl li mbagħad meta nfired minn Pawlu, dan ħa miegħu lil Marku. Wara, San Mark ingħaqad ma' San Pietru u kien dixxiplu tiegħu f'Ruma u li żgur minn għandu ħa ħafna tagħrif. Fid-dar ta' ommu kienu jiltaqgħu l-appostli flimkien mal-Madonna u għalhekk żgur li sema' lill-appostli u lill-Madonna jitkellmu dwar il-ħajja ta' Ġesù. Huwa ħa l-martirju fi żmien it-tieni Papa San Linu jiġifieri bejn is-sena 67 u 76 W.K. ġewwa Lixandra, forsi fis-26 ta' April tas-sena 68 A.D.. Huwa meqjus bħala l-Appostlu tal-Afrika u bħala l-ewwel 'Papa' tal-Knisja Kopta. Huwa jibda l-evanġelju bil-kliem: "Bidu tal-Evanġelju ta' Ġesu', Messija, Bin Alla" (1:1). Fil-vanġelu naraw il-ministeru ta' Ġesù fil-Galilea (1:14-3:6) fejn f'1:21 naraw lil Ġesù fis-





sinagoga jkeċċi lix-xitan u f'3:1 fis-sinagoga ifejjaq raġel b'idu niexfa, l-għażla tal-appostli u parabboli u mirakli (3:7-6:6), il-missjoni ta' Ġesù u tad-dixxipli (6:6-8-26) u l-misteru ta' Bin il-Bniedem (8:26-kap16): "In-nies min jgħidu li jien" (8:27-28), fejn naraw il-mixja ta' Ġesù lejn Ġerusalemm, li hija l-mixja tad-dixxiplu. It-teoloġija biblika tal-evanġelju hija mibnija fuq żewġ punti essenzjali, il-Kristoloġija (min hu Ġesù?) u d-Dixxipulat (ir-Risposta għal Ġesù).

San Mark kontinwament jippreżentalna lil Madonna miexja wara Kristu. Hija l-ewwel dixxipla ta' Kristu: "Dan mhux il-mastrudaxxa, bin Marija" (6:3). L-iskop tad-dixxiplulat ta' Marku huwa li tkun ma' Ġesù, taqsam il-missjoni tiegħu ta' predikazzjoni u fejqan: "U sejjaħ it-Tnax, u beda jibgħathom tnejn tnejn filwaqt li tahom is-setgħa fuq l-ispirti ħżiena." (6:7). Id-dixxipli huma mistiedna kontinwament biex jifhmu lil Ġesù, fil-fatt Ġesù jħabbar għal-tliet darbiet il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu (8:31-38; 9:30-32; 10:32-34). Din hija l-esperjenza wkoll tal-Madonna fl-evanġelju ta' Marku.

## F'San Luqa: Il-Mara tal-*Magnificat*

San Luqa kien pagan ikkonvertit, magħruf ukoll bħala t-tabib tal-ġisem u tar-ruħ. Kien minn Antijokja tas-Sirja u kiteb l-evanġelju tiegħu bil-Grieg. Skont il-'leġġenda tad-Deheb' huwa kien wieħed mit-72 dixxiplu ta' Kristu. Huwa kiteb lill-insara li kienu jgħixu fl-Asja Minuri li kienet mimlija b'insara ta' nisel pagan u li kienu jgħixu f'kuntest ta' persekuzzjonijiet. Il-vanġelu nkiteb bejn is-snin 70 u 76 W.K.. Huwa ħa l-martirju fi żmien it-tieni Papa San Linu jiġifieri bejn is-sena 67 u 76 W.K. fl-età ta' 84 sena. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu ġewwa Kostantinopli fil-Knisja tal-Appostli sa mis-sena 356 A.D. Skont it-tradizzjoni San Luqa kien ukoll pittur u pitter l-immaġini tal-Madonna *Salus populi Romani* fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore u dik fis-Santwarju tal-Mellieħa.

San Luqa jurina kontinwament il-kobor tal-Madonna bħala l-qaddejja ta' Alla. Sa mill-eternità Alla għażel biex tkun Omm Ibnu, waħda minn ulied Israel, tfajla Lhudija minn Nazaret tal-Galilea, "… xebba mgħarsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija." (1, 27). Dik li kienet fost iċ-ċkejknin ta' Israel ġiet magħżula sabiex tkun Omm il-Feddej, ġiet mogħtija minn Alla doni li jixirqu lill-uffiċċju għoli tagħha. Kien għalhekk li l-anġlu fit-tħabbira tiegħu, isellem lil Marija "… mimlija bil-grazzja," (1, 28) bil-Grieg oriġinali: *kecharitomene*. Marija tilqa` bil-ferħ il-missjoni fdata lilha: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skont kelmtek!" (1, 38).

Insemmu wkoll l-episodju taż-żjara tagħha għand Eliżabetta ġewwa Għajn Karem, vjaġġ ta' madwar 130 km: "F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn il-għoljiet f'belt tal-Lhudija, Daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. … Marija baqgħet għand






Eliżabetta għal tliet xhur u mbagħad reġġħet lura lejn darha." (1, 39-56).

Għandna t-tislima ta' Santa Eliżabetta lill-Madonna: "Imbierka inti fost in-nisa u imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek!", u l-innu ta' tifħir li joħroġ minn fomm Marija: il-*Magnificat* (1:46-55). Marija hija preżenti fit-tempju ta' Alla għall-preżentazzjoni ta' Ġesù fejn narawha li hi tassew Ommna lkoll: "Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (2, 19).

## F'San Ġwann: Il-Mara tal-Ikbar Siegħa

L-awtur tar-raba' evanġelju Ġwanni l-appostlu, huwa meqjus bħala d-dixxiplu l-maħbub ta' Ġesù. Kien sajjied flimkien ma' ħuh Ġakbu u missieru Żebedew. L-uniku wieħed mill-appostli kollha li baqa' preżenti fil-ġrajja tal-Passjoni fejn, minn fuq is-salib, Ġesù jafdalu lill-Madonna bħala ommu. Huwa pprietka fis-Samarija, fil-Greċja u fl-Asja Minuri, jiġifieri fit-Turkija tal-lum b'mod partikulari ġewwa l-belt importanti ta' Efesu fejn illum hemm fdalijiet ta' bażilika li kienet iddedikata proprju lilu. Miet f'età avvanzata ħafna, ġewwa Efesu madwar is-sena 100 W.K..

San Ġwann jippreżentalna lill-Madonna f'diversi

mumenti fil-ministeru pubbliku ta' Kristu li jibda, biex ngħidu ħekk, mit-tieġ ta' Kana, li jilħaq il-qofol tiegħu, fl-ikbar 'siegħa' ta' Kristu li skont San Ġwann hija s-siegħa tas-salib għaliex hija s-siegħa tal-'glorja': "Mara, hawn hu ibnek." (19, 26). Għalhekk Marija hija Omm il-Knisja għax tassew hija għandha sehem importanti fil-misteri tal-Knisja: "Agħmlu kulma jgħidilkom hu." (2, 5).

Hans Urs Von Balthasar (1905-1988) jgħallem sabiex niskopru dan il-wiċċ Marjan tal-Knisja, filwaqt li l-Kardinal Charles Journet (1891-1975) kien jgħid li l-Knisja kollha hi Marjana. Il-Konċilju Vatikan II fil-*Lumen Gentium* fin-numru 58, iddeskrivilna b'mod tassew ċar il-missjoni ta' Marija taħt is-salib f'Ġwanni 19, 25, eżattament fil-"ġenb" tas-salib, bħalma tfisser il-kelma ebrajka *sela* għal kelma 'ġenb' jew 'kustilja', għaliex Marija hija tassew il-Mara ġdida, l-Eva l-ġdida, Omm il-Knisja.

## Il-Madonna: Il-Mara tas-Sema Pajjiżna

Fl-Iskrittura Mqaddsa naraw b'mod ċar lil Marija bħala Omm, dik l-Omm li qalet 'iva' għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. San Iljun il-Kbir jgħid li Marija tiżboq il-meravilji kollha (ara Omelija 30, 4). Għalhekk importanti li nirrikorru fit-talb tagħna lejn Marija permezz tat-



talb fosthom ir-Rużarju, is-Sliema, l-Angelus, il-*Via Matris Dolorosae*, l-*Ora della Desolata*, il-*Planctus Mariae*, l-*Ora della Madre* u l-*Akathistos* flimkien mat-talb li nsibu fil-liturġija fil-festi Marjani speċjalment dik tat-Twelid tagħha, tat-8 ta' Settembru u fid-devozzjonijiet. Din l-istorja ta' mħabba li rajna f'Marija, Alla jagħmilha ukoll magħna għalkemm żgur b'mod differenti.

Ejjew għalhekk nitfgħu l-ħarsa tagħna lejn Marija Immakulata, ejjew nintrabtu mal-ankra soda tagħha u t-tama tagħna tkun żgura f'din l-istorja famuża ta' imħabba: "Int ħarsien żgur tal-verġni, Verġni u Omm, u ta' dawk kollha li jsejħulek bħala ulied. Għax hekk għamlek is-Sultan, tal-art u s-sema, Immakulata, meta ġie f'tiegħek il-ħdan u stedinna biex ngħannulek" (mill-Innu tal-Madonna *Akathistos*).



# TWELID IL-MESSIJA MĦABBAR UKOLL MIS-SALMI

***Mons Lawrenz Sciberras***

Minkejja li għaddew numru kbir ta' snin, il-ġrajja divina tal-Milied ta' kull sena terġa' ġġedded il-memorja u tixgħel il-fantasija ta' kull min jemmen f'dak li ġara f'Betlehem elfejn sena ilu! Trid u ma tridx iċ-ċentru tat-tħarrik kollu tal-festi ċċelebrati b'solennità kbira mill-

Knisja kif ukoll mid-dinja soċjali matul dawn il-jiem, huwa t-twelid ta' Ġesù. Dan it-twelid tant kien wieħed mistenni, qawwi, ċentrali u ħaj li qasam iż-żmien fi tnejn: dak ta' qablu u dak ta' warajh, mela ż-żmien tagħna!

## San Ljun il-Kbir

Wieħed minn dawk l-imgħallmin kbar li daħlu fil-fond ta' dan il-misteru tal-Inkarnazzjoni, bla dubju ta' xejn huwa l-papa San Ljun il-Kbir. Dan il-qaddis dam bħala papa mis-sena 440 sas-sena 461. Bit-tagħlim tiegħu dwar it-twelid, San Ljun għaqqad dak li kien etern maż-żmien, l-ispritwali mal-materjali; dak li kien imħabbar snin qabel mat-twettiq veru tiegħu; u dan għaliex wieħed ma jistax jikber u jiżviluppa mingħajr l-għeruq profondi tal-ieħor.

Din il-festa tal-Milied għalhekk iġġib fil-memorja ta' dak li jemmen tliet twelidijiet: Dak tal-Iben il-Waħdieni mnissel qabel kull żmien mill-Missier, it-tieni huwa dak li sar minn waħda omm li minkejja li saret tqila żammet il-verġinità tagħha; it-tielet huwa dak li permezz tiegħu Alla jitwieled tassew f'dawk li jilqgħuh bis-sinċerità. Hawn għalhekk ta' min iżid li s-sinfonija tal-Milied tkun waħda nieqsa kemm il-darba l-qalb ta' min jemmen tibqa' magħluqa u mbarrata għal kull forma ta'



ftuħ! Jekk wieħed jagħmel bħan-nies għonja ta' Betlehem wisa' għat-tarbija ma jifdalx!!

Xi drabi l-Inkarnazzjoni ġiet ippreżentata bħala mezz u rimedju biex jitħassar id-dnub. Ukoll fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika l-kapitlu dwar Kristu jiddependi mill-paragrafu dwar il-waqgħa ta' Adam. L-għaref tal-Knisja l-beatu Duns Scotus jiċħad bil-qawwa kollha li l-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla saret minħabba d-dnub tal-bniedem. Ukoll jekk il-bniedem ma waqax u kiser formalment il-liġi ta' Alla huwa xorta waħda kien isir bniedem. Il-bniedem maħluq xbieha ta' Alla, diġà huwa bniedem destinat biex jipparteċipa miegħu fil-ħajja stess ta' Alla. Hija preċiżament l-imħabba estrema tal-għan predominanti tal-Inkarnazzjoni (F. Manns, *Sinfonia della Parola*, Milano 2008, pg 218).



## Iċ-ċokon ta' Alla

Meta wieħed bil-ħsieb tiegħu jersaq u jħares lejn min hemm tassew imqiegħed fil-maxtura tal-bhejjem, (bil-Grieg *katalyma*, fil-Għarbi *ħân*) bilfors li fih jinbet sentiment ta' gratitudni kbir għall-fatt li Alla jiċċekken tant biex isir bniedem. Il-kelma teknika għal dan il-proċess divin hija "kondixxendenza", li tfisser wieħed jiċċekken, isir qasir, mela żgħir, joqgħod f'xi post imkennen imħejji apposta għalih. Issa meta jitkellem minn dan il-ġest soprannaturali San Pawl jikteb hekk: "Intom tafu l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu li għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu." (2 Kor 8,9). Hawn San Pawl fil-kelma "ftaqar" irid iwassal il-qabża enormi li għamlet it-Tieni Persuna tat-Trinità meta minn Alla saret ukoll Bniedem; altru li ftaqar u tneżża' mid-dinjità li kellu fis-sema sa mill-eternità. Għalhekk issa fil-persuna ta' Ġesù hemm tassew żewġ naturi, dik ta' Alla u dik ta' bniedem.

Hawn issa ta' min ifakkar fil-kliem preċiż tal-eżortazzjoni appostolika "Verbum Domini" li ħareġ il-Papa Benedittu XVI bħala konklużjoni tas-Sinodu tal-Isqfijiet li sar fis-sena 2008 fuq il-Kelma ta' Alla. Fin-numru 12 hemm miktub hekk: "L-Iben stess huwa l-Kelma, il-*Logos*: Il-Kelma eterna saret ċkejkna, tant ċkejkna li qagħdet f'maxtura. Il-Kelma saret Bambin, u dan sar sabiex wieħed ikun jista' iħaddan il-Kelma. Issa wieħed mhux biss jista' jisma' l-Kelma, mhux biss din għandha leħen, issa l-Kelma għandha wiċċ, u li aħna nistgħu narawh: Dan hu Ġesù ta' Nazaret" (V.D. n12).

## Mixja fis-salmi

Issa fis-salmi wkoll jidher li hemm mixja tal-Kelma, mixja mqita li din intgħaġnet fil-*chronos*, jiġifieri fiż-żmien tad-dinja li ngħixu fiha, mela fis-sigħat, fil-ġranet, fix-xhur, fis-snin u xejn anqas fil-post. Iżda fuq kollox din il-mixja indammet wkoll fil-*kairos*, jiġifieri fiż-żmien mistenni u mħabbar b'mod qawwi u għal bosta drabi fit-Testment il-Qadim. Issa din il-mixja waslet quddiem il-Messija,

li dan huwa l-espressjoni l-aktar għolja tad-dehra tiegħu lill-umanità. San Pawl jesprimi hekk din il-verità: "Iżda meta waslet il-milja taż-żmien Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied". (Gal 4,4). F'dan il-kliem Pawlu qed jissiġilla bil-qawwa kollha li dak kollu li tħabbar matul iż-żmien ta' qablu jiġifieri "fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi" (Lq 24, 44) issa seħħ tassew kollu f'Ġesù ta' Nazaret.

Kemm il-filosfu Ċelsu kif ukoll id-Doċeti ma setgħu qatt iniżżluha li Alla immutabbli (ma jitbiddilx) min-natura tiegħu stess, imbagħad jiċċekken daqshekk u jsir bniedem fraġli. Imma fl-Inkarnazzjoni ma hawnx kondixxendenza spazjali, imma waħda providenzjali, biex hekk Alla jissodisfa għall-problemi qawwija tal-bnedmin. Meta l-Bibbja tirrivela li Alla għamel din il-kondixxendenza f'Ibnu stess, dan sar biex huwa jadatta lilu nnifsu għad-dgħufija kbira tal-bnedmin ħutu.

Il-profeta Isaija meta jaħseb f'din l-umanità jistħajjilha bniedem vagabond, meskin, jiġġerra u jixtieq dejjem aktar: "U jgħaddi mill-art magħkus u mġewwaħ; u meta jieħdu l-ġuħ jitmasħan u jisħet lis-sultan u lill-allat tiegħu; jgħolli wiċċu 'l fuq, u jħares lejn l-art; imma ħlief diqa u dlam ma jarax, dlam u taħbit… Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir, in-nies li joqogħdu f'art id-dlam, dawl idda fuqhom" (Is 8,21-23, 9,1). Dan huwa d-dawl divin li geżwer l-umanità li tant tbati u li ġabar u ħaddan fih il-figura tal-Emanwel, il-Messija li tant tkellem dwaru Isaija.

## Is-Salm 89 (88)

Is-salm li l-aktar joħroġ għad-dawl l-oriġini, ir-razza, it-twelid, il-missjoni u saħansitra indirettament il-post tat-twelid tal-Messija bħala bniedem huwa s-salm 89. Il-kuntest ta' din l-għanja huwa l-bini ta' maqdes mis-sultan David biex dan ikun jista' jqiegħed għal kenn l-Arka tal-Patt; sens kbir ta' rispett. Il-ħsieb ta' David kien wieħed l-aktar tajjeb u ġenwin. Is-sultan ried juri bil-fatti r-rispett lejn l-Arka tal-Patt. Tant hu veru dan, li l-ewwel tweġiba li ta Natan lil David wara li dan mar jieħu parir, kienet fil-pożittiv. Iżda Alla nebbaħ il-profeta Natan fejn imbagħad dan in-nabi, mar sab lil David u qallu b'dak kollu li Alla kien fi ħsieb jagħmel miegħu u





mad-dar-familja tiegħu. Natan qaleb il-pjan kollu tas-sultan: "Ħlift bi qdusiti darba għal dejjem: Żgur li b'David ma nqarraqx. Nislu għal dejjem jibqa', it-tron tiegħu bħax-xemx quddiemi" (Sl 89, 36-37). Kif ukoll "Huwa jibni dar lil ismi, u jiena nsaħħaħ it-tron tas-saltna tiegħu għal dejjem" (2 Sam 7,13). Issa kemm it-tradizzjoni Ġudajka kif ukoll dik nisranija rabtu l-għanjiet messjaniċi li hemm f'dan is-salm mat-twelid u l-missjoni tal-Emanwel.

Ta' min iżid jgħid li barra s-salm 89, din l-istess ġrajja – oraklu – qiegħda miktuba f'żewġ partijiet oħra tal-Bibbja. Dawn huma 2 Sam 7,1-17, kif ukoll 2 Kron 17,3-15. Hawn ta' min iżid li dan l-istess ħsieb ta' bini ta' dar-familja, issa ġie kkonfermat minn fomm l-arkanġlu Gabriel meta huwa mar Nazaret iwassal l-istedina ta' ferħ lix-xebba Marija: "Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu" (Lq 1,33). Kliem aktar ċar minn dan u li jorbot l-Antik Testment mal-Ġdid dwar twelid il-Messija mhux faċli li jkun hemm! U Marija fehmet sew kliem Gabriel. Il-Knisja konxja mit-twettiq tat-twelid tal-Emanwel li diġà imħabbar ukoll fis-salm 89, taqra kemm il-profezija ta' Natan, kif ukoll siltiet mis-salm 89, fil-quddiesa tal-24 ta' Diċembru, lejlet il-Milied fil-quddies ta' filgħodu. Altru mela li twelid l-Emanwel ġie mħabbar wkoll mis-salmi.

## Wiċċ il-Messija

Minħabba s-saħħa tal-wegħda li Natan għamel lil David, kull sultan li jitwieled fl-art ta' Ġuda kien ikun hemm marbut miegħu din it-tama li l-profeti għallmu u fissru dwar dan kollu. Mal-profeti hemm ukoll is-salmi. Hekk is-salm 72 jiftaħ bl-ewwel kelmiet tiegħu: "O Alla, agħti lis-sultan". Mela l-Messija li għandu jitwieled għandu jsegwi t-triq ta' Alla, li hija l-ġustizzja. Din it-talba taqbad mill-ġdid qisu ritornell il-kelma "ġustizzja". "O Alla, agħti lis-sultan

il-ħaqq tiegħek, il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan, biex jiġġudika l-popli tiegħek bil-ġustizzja, u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek" (Sl 72,2).

Interessanti ħafna kif din il-karatteristika - ġustizzja – tkompli aktar 'l isfel fis-salm: "Jinżel mill-muntanji s-sliem lill-poplu, tinżel mill-għoljiet il-ġustizzja. Ħa jħares id-dritt (mela ħa jagħmel ġustizzja) tal-imsejknin tal-poplu, isalva l-fqajrin u jrażżan lil min jgħakkishom" (Sl 72,3-4). Mela Alla, li lilu huwa indirizzat is-salm 72, huwa l-avukat, huwa d-difiża, kif ukoll "missier l-iltim u difensur tar-romol" (Sl 68,6). Għalhekk il-Messija tiegħu li għandu jitwieled għandu jieqaf lill-inġustizzji u l-korruzzjoni. Fis-sinagoga ta' beltu stess, Nazaret, Ġesù nieda u applika għalih kliem il-profeta Isaija: "Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej" (Lq 4,18). (Ara C. Ghidelli, *Luca Nuovissima Versione della Bibbia*, pg 118-119).

## Il-Messija qassis

Xbieha oħra tal-Messija qiegħda fis-salm 110, *Dixit Dominus*, salm mibni fuq żewġ orakli: Oraklu regali, jiġifieri għandu x'jaqsam mas-sultan, "oqgħod fuq il-lemin tiegħi", u oraklu saċerdotali, "Int qassis għal dejjem skont l-ordni ta' Melkisedek" (Sl 110,4). Dan ifisser li s-salm qed jibgħat il-qassis u jfakkar fis-sultan tal-Ġenesi, wieħed li hu bla omm u bla missier. Dan huwa Melkisedek (Ġen 14, 17-20). Dan il-qassis bierek lil Abraham missier l-Iżraelin kollha. Issa kif nafu David ġej mit-tribù ta' Ġuda, u għalhekk ma setax isir qassis skont l-ordni levitiku. Għalhekk fis-sultan Messija l-ġdid wieħed jantiċipa mixja ta' natura sagra. Dan il-qassis "ġdid" se jkollu l-funzjoni li jorbotna ma' Alla li tiegħu huwa l-pont, mela l-intermedjarju. Hekk dan is-sultan Messija se jifrex rabta bejn l-istorja u dak li hu Etern. Dan jista' jsir biss grazzi għat-twelid ġdid tal-Messija. (G. Castellino, *Libro dei Salmi*, Roma 1965, pg 601)

It-tielet u l-aħħar ħsieb tal-oraklu divin li jitkellem mill-Messija huwa s-salm 2. "Inti ibni", jingħad għas-sultan Messija, "illum jiena nissiltek" (Sl 2,7). F'Israel kontra l-mentalità tal-Eġizzjani, il-Messija għad ikollu rabta diretta ma' Alla, ikun wieħed familjari ħafna miegħu, ikun iben ta' veru u dan mhux minħabba xi żerriegħa ta' ġenerazzjoni naturali! Fuq kollox is-sultan Messija jsegwi l-mixja tas-slaten ta' qablu, jiġifieri id-dilka taż-żejt. Huwa propju minħabba din id-dilka qaddisa li David ma qatilx lir-rival aħrax tiegħu Sawl: "Iħarisni l-Mulej! Ma jkun qatt li nagħmel dan lil sidi, il-midluk tal-Mulej, li nmidd idi fuqu, għax hu l-midluk tal-Mulej" (1 Sam 24,7). Filwaqt li fis-salm 45,8 naqraw: "Int tħobb il-ġustizzja u tobgħod il-ħażen, għalhekk dilkek Alla, Alla tiegħek, b'żejt il-hena aktar minn sħabek".

## Konklużjoni

Ġust, qassis u iben Alla: Dan huma t-tliet figuri messjaniċi. Dawn it-tliet salmi 2,72 u 110 jidħlu fit-tradizzjoni Kristjana teoloġika fejn ikollhom tifsira sħiħa ġdida. Il-Knisja tant rat f'dawn it-tliet salmi l-figura u l-missjoni tal-Messija li tkantahom matul il-lejl qaddis tal-Milied. Mhux addoċċ li dawn l-għanjiet spiritwali ġew magħżula għal matul dan il-lejl! Dawn huma t-tliet salmi ċentrali li madwarhom idur il-lejl tad-dawl u xejn anqas il-figura tant mistennija tal-Messija: Il-papa Benedettu XVI fil-ktieb tiegħu Ġesù ta' Nazaret III, li jitratta dwar it-tfulija ta' Ġesù, *The Infancy Narratives*, jgħid li dawn is-salmi huma "għanjiet ta' stennija ħerqana" għall-miġja tal-Messija. Huma jistennew li jikxfu r-realtà sħiħa u li juru l-ferħ spiritwali fil-miġja mħabbra b'ħerqa kemm mill-profeti u xejn anqas mis-salmi.



# "GĦAL DEJJEM IT-TJIEBA TIEGĦU!" RITORNELL GĦALL-ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

***Fr Marcello Ghirlando***

Nhar is-Sibt 11 ta' April li għadda, lejlet il-Festa tal-Ħniena Divina, qabel l-Għasar Solenni mmexxi mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, inqrat il-Bolla tal-Indizzjoni *Wiċċ il-Ħniena (Misericordiae Vultus)* dwar il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena.

L-Introduzzjoni kif ukoll il-Konklużjoni ta’ *Misericordia Vultus* jagħtuna l-għan u l-ispirtu tal-Ġublew kif mixtieq li jiġi mgħajjex u ċċelebrat mill-Papa Franġisku: “Ġesù Kristu hu wiċċ il-ħniena tal-Missier. Il-misteru tal-fidi Nisranija donnu jsib f’din il-kelma l-ġabra sħiħa tiegħu. Hi saret ħajja, viżibbli u laħqet il-quċċata tagħha f’Ġesù ta’ Nazaret. Il-Missier, “għani fil-ħniena” (Efes 2:4), wara li wera ismu lil Mosè bħala “Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà” (Eż 34:6), ma hediex, b’ħafna modi u f’bosta waqtiet tal-istorja, jgħarraf in-natura divina tiegħu. Fil-“milja taż-żminijiet” (Gal 4:4), meta kollox kien imqiegħed fl-ordni skont il-pjan tiegħu ta’ salvazzjoni, Hu bagħat lil Ibnu mwieled mill-Verġni Marija biex jurina darba għal dejjem l-imħabba tiegħu. Min jara lilU jara lill-Missier (ara Ġw 14:9). Ġesù ta’ Nazaret bil-kelma tiegħu, bil-ġesti tiegħu u bil-persuna sħiħa tiegħu juri l-ħniena ta’ Alla”.

“Għalhekk din is-Sena Mqaddsa straordinarja, biex ngħixu fil-ħajja ta’ kuljum il-ħniena li sa minn dejjem il-Missier xerred fuqna. F’dan il-Ġublew ejjew inħallu lil Alla jissorprendina. Hu ma jegħja qatt jiftaħ beraħ il-bieb ta’ qalbu biex itennilna li jħobbna u jrid jaqsam ħajtu magħna. Il-Knisja tħoss b’mod qawwi l-urġenza li xxandar il-ħniena ta’ Alla. Il-ħajja tagħha tkun awtentika u kredibbli meta tagħmel mill-ħniena t-tħabbira konvinta tagħha. Hi taf li l-ewwel dmir tagħha, fuq kollox fi żmien bħalma hu dan tagħna, mimli b’tamiet kbar imma wkoll b’kuntrasti qawwija, hu dak li ddaħħal lil kulħadd fil-misteru kbir tal-ħniena ta’ Alla, hi u tikkontempla l-wiċċ ta’ Kristu. Il-Knisja hi l-ewwel waħda li hi msejħa tkun xhud awtentika tal-ħniena, billi tistqarrha u tgħixha bħala l-qalba tar-Rivelazzjoni ta’ Ġesù Kristu. Mill-qalb tat-Trinità, mill-ġewwieni l-aktar profond tal-misteru ta’ Alla, tnixxi bla waqfien ix-xmara kbira tal-ħniena. Din l-għajn ma tista’ qatt tinxef, ikunu kemm ikunu dawk li jersqu jixorbu minnha. Kull darba li xi ħadd jiġi bżonnha, jista’ jersaq lejha, għax il-ħniena ta’ Alla hi bla tarf. Daqskemm ma nistgħu qatt nifhmu l-fond





tal-misteru li fih tinsab, daqshekk ieħor hu bla tarf l-għana li joħroġ minnha. F'din is-Sena tal-Ġublew, il-Knisja ssir eku tal-Kelma ta' Alla li tidwi qawwija u konvinċenti bħala kelma u ġest ta' maħfra, ta' tweżin, ta' għajnuna, ta' mħabba. Ma tegħja qatt toffri l-ħniena u tistabar dejjem fil-faraġ u l-maħfra li xxerred. Il-Knisja ssir leħen għal kull raġel u mara u ttenni b'fiduċja u bla waqfien: "Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek, għax huma minn dejjem, Mulej" (Salm 25:6)".

Il-Papa jixtieq li s-Sena tal-Ġublew tkun kollha kemm hi mgħixha fid-dawl tal-ħniena li Alla kontinwament jimliena biha. Huwa jrid li s-sena tibda fit-8 ta' Diċembru, is-Solennità tat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija u l-50 anniversarju mill-għeluq tal-Konċilju Vatikan II. Kien dan il-Konċilju li sejjaħ lill-Knisja xxandar il-Vanġelu b'modi ġodda lid-dinja biex b'hekk twassal il-ħniena ta' Alla kullimkien u lil kulħadd.

Wara li jinfetaħ il-Bieb tas-Sena tal-Ġublew fil-Bażilika ta' San Pietru fit-8 ta' Diċembru, jinfetħu wkoll il-Bibien tal-Bażiliċi Papali fil-jiem ta' wara. Bħala sinjal ta' komunjoni mal-Knisja kollha, il-Papa talab li f'kull Djoċesi tad-dinja jinfetaħ "Bieb tal-Ħniena" għaċ-ċelebrazzjonijiet lokali tas-Sena tal-Ġublew.

Ħarsa ħafifa lejn il-Bolla turina li hija mibnija fuq tliet temi prinċipali.

1. Il-Papa jitkellem fuq it-teoloġija tal-ħniena: jispjega r-rwol tal-ħniena fil-ħajja tal-poplu u tal-

Knisja li t-tnejn jirċievu l-abbundanza tal-ħniena ta' Alla u huma msejħa jkunu xhud tagħha. Għall-Papa l-ħniena mhijiex xi idea astratta, imma realtà konkreta li biha Alla juri li l-imħabba tiegħu hija dik ta' missier jew omm, imħabba ħierġa mill-profond ta' qalb li tindokra l-ulied. Il-ħniena hija l-pedament tal-ħajja tal-Knisja tant li l-Knisja stess titqies kredibbli minn kemm tixhed u turi din l-imħabba mimlija ħniena u kompassjoni. Hu għalhekk li l-motto tas-Sena tal-Ġublew huwa "Ħanina bħall-Missier". Il-Papa jisħaq li kull fejn il-Knisja jew l-Insara huma preżenti, trid tidher sewwa l-ħniena tal-Missier, irid ikun hemm oasi ta' ħniena.

2. Il-Papa jgħaddi biex joffri diversi modi biex wieħed jgħix sewwa s-Sena tal-Ġublew: il-pellegrinaġġ bħala sinjal ta' konverżjoni; l-għoti tal-maħfra; li wieħed jevita li jiġġudika, igħir u jgħid fuq l-oħrajn; li wieħed jikkultiva ftuħ tal-qalb lejn dawk li huma fil-periferiji tas-soċjetà u jwassal il-faraġ, il-ħniena u jkun solidali ma' dawk li jgħixu f'sitwazzjonijiet prekarji; li wieħed jagħmel bil-ferħ l-opri tal-ħniena, kemm dawk korporali u kemm dawk spiritwali; li wieħed jieħu sehem fl-inizjattiva "24 siegħa għall-Mulej" li tixpruna lil dak li jkun għat-talb u s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni fir-Randan. Il-Papa jgħaddi anke kelma qawwija lill-konfessuri: isejħilhom biex ikunu sinjali awtentiċi tal-ħniena tal-Missier. Matul ir-Randan tas-Sena Mqaddsa hu stess se jibgħat lill-"Missjunarji tal-Ħniena" - saċerdoti li se jkollhom l-awtorità li jaħfru anke d-dnubiet riservati lis-Santa Sede; lil dawn jixtieqhom ikunu sinjali tal-Missier li jilqa' lil dawk kollha li qed ifittxu l-maħfra.

3. Il-Papa jsejjaħ għall-ġustizzja u għall-konverżjoni. Jitlob lill-membri tal-organizzazzjonijiet kriminali u dawk li huma korrotti biex ibiddlu ħajjithom u jilqgħu l-grazzja tal-ħniena ta' Alla. Ifakkar li kemm il-Ġudajiżmu u kemm l-Islam iqisu l-ħniena ta' Alla bħala attribut importanti ħafna. Jawgura li dan il-Ġublew ikun okkażjoni li jqarreb ir-reliġjonijiet fi spirtu ta' djalogu u ta' għarfien reċiproku li jbiegħdu l-vjolenza u d-diskriminazzjoni. Ifakkar ukoll fir-relazzjoni bejn il-ġustizzja u l-ħniena li huma żewġ dimensjonijiet ta' realtà unika li ssib il-milja tagħha fl-imħabba. Alla huwa ġust; imlaqqam fil-ġustizzja jwelled il-ħniena li fiha aħna nagħmlu esperjenza ta' mħabba li hija l-pedament tal-imħabba vera.

Il-Papa jagħlaq il-Bolla billi jħares lejn Marija, xhud tal-ħniena ta' Alla u jfakkar fil-qaddisin li taw ħajjithom jixhdu għall-ħniena ta' Alla, fosthom Santa Fawstina Kowalska. "Il-ħsieb tagħna jdur issa fuq Omm il-Ħniena. Il-ħlewwa ta' ħarsitha sseħibna tul din is-Sena Mqaddsa, biex ilkoll kemm aħna nistgħu niskopru mill-ġdid il-ferħ tal-ħlewwa ta' Alla. Ħadd daqs Marija ma għaraf il-qawwa tal-misteru ta' Alla magħmul bniedem. Kollox fil-ħajja tagħha kien magħġun mill-preżenza tal-ħniena li saret laħam. Omm il-Mislub Rxoxt daħlet fis-santwarju tal-ħniena divina għax ħadet sehem intimu fil-misteru ta' mħabbtu. Magħżula biex tkun Omm l-Iben ta' Alla, Marija kienet sa minn dejjem imħejjija mill-imħabba tal-Missier biex tkun *Arka tal-Patt* bejn Alla u l-bnedmin. Ħarset fil-qalb tagħha l-ħniena divina f'sintonija perfetta ma' Binha Ġesù. L-għanja tagħha ta' tifħir, fuq l-għatba ta' dar Eliżabetta, kienet iddedikata lill-ħniena li tinfirex "f'kull żmien" (Lq 1:50). Anki aħna konna preżenti f'dawk il-kelmiet profetiċi tal-Verġni Marija. Dan ħa jkun ta' faraġ għalina u jweżinna meta niġu biex ngħaddu mill-Bieb Imqaddes biex induqu l-frott tal-ħniena divina. Taħt is-salib, Marija flimkien ma' Ġwanni, id-dixxiplu l-maħbub, hi xhud tal-kelmiet ta' maħfra li joħorġu minn fomm Ġesù. L-ogħla maħfra offruta lil min sallbu turina sa fejn kapaċi tasal il-ħniena ta' Alla. Marija

tixhed li l-ħniena tal-Iben ta' Alla ma tafx b'limiti u tilħaq lil kulħadd bla ma tħalli lil ħadd barra. Induru lejha bit-talba antika u dejjem ġdida tas-*Salve Regina*, biex ma tehda qatt iddawwar lejna dawk l-għajnejn tagħha tal-ħniena u tagħmilna denji li nikkontemplaw il-wiċċ tal-ħniena, Binha Ġesù. It-talba tagħna tasal ukoll f'riġlejn tant Qaddisin u Beati li għamlu mill-ħniena l-missjoni ta' ħajjithom. B'mod partikulari, ħsiebna jdur lejn l-appostlu l-kbir tal-ħniena, Santa Fawstina Kowalska. Hi, li kienet imsejħa biex tidħol fil-profondità tal-ħniena divina, tidħol għalina u tiksbilna l-grazzja li ngħixu u nimxu dejjem fil-maħfra ta' Alla u fil-fiduċja li ma tiġġarrafx fi mħabbtu" (24).

Bħal f'kull Sena tal-Ġublew wieħed jista' igawdi mill-Indulġenza Plenarja li tingħata skont il-kundizzjonijiet mitluba. Is-Sena Mqaddsa tal-Ħniena mnedija mill-Papa Franġisku tagħlaq nhar l-20 ta' Novembru 2016, fis-Solennità ta' Kristu Sultan

## Referenzi Bibliċi f'*Misericordiae Vultus*

Meta wieħed janalizza ftit din il-Bolla tal-Indizzjoni dwar il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena wieħed jinduna li hija mibnija fuq il-Kelma ta' Alla. Fil-fatt il-Papa jagħmel 50 referenza diretta jew indiretta mill-Iskrittura Mqaddsa, 15 mit-Testment il-Qadim u 35 mit-Testment il-Ġdid.

Dawn huma r-referenzi li jagħmel Papa Franġisku: mit-Testment il-Qadim, Ġen 1:28; Eż 34:6; Salmi 25:6; 51:11-16; 70:2; 103:3-4; 136; 146:7-9; 147:3,6; Iż 58:6-11; 61:1-2; Hos 6:6; 11:5; 11:8-9; Mik 7:18-19. Mit-Testment il-Ġdid, Mt 5:7; 5:48; 9:13; 9:36; 14;14; 15:37; 18:22; 18:33; 18:35; 25:31-45; 26:30 (ma' dawn inżidu s-sejħa ta' Mattew f'9:9-13 li fuqha jikteb il-Papa mingħajr ma jagħmel ir-referenza numerika); Mk 5:19; Lq 1:50; 7:5; 6:27; 6:36; 6:37-38; 15:1-32; (ma' dawn inżidu d-diskors programmatiku ta' Ġesù f'Nazaret f'Luqa 4:16-21 li fuqha jikteb il-Papa mingħajr ma jagħmel ir-referenza numerika); Ġw 14:9 (ma' dan inżidu t-test li jirreferi għal presenza ta' Marija taħt is-salib f'Ġw 19:25-27 li fuqha jikteb il-Papa mingħajr ma jagħmel ir-referenza numerika); Rum 10:3-4; 11:32; 12:8; Gal 4:4; Efes 1:4; 2:4; 4:26; Fil 2:16; 3:6; Lhud 2:17; 4:16; Apk 7:4; 1Ġw 4:8-16.

Laqatni ħafna n-numru 7 tal-*Misericordiae Vultus*. Hekk jikteb testwalment



il-Papa: "Għal dejjem hi l-ħniena tiegħu": ir-ritornell li nsibu f'kull vers tas-Salm 136 waqt li jirrakkontalna l-istorja tar-rivelazzjoni ta' Alla. Bil-qawwa tal-ħniena tiegħu, il-ġrajjiet kollha tat-Testment il-Qadim mimlijin b'valur salfiviku qawwi. Il-ħniena tagħmel l-istorja ta' Alla ma' Israel storja ta' salvazzjoni. Itenni l-ħin kollu: "Għal dejjem hi l-ħniena tiegħu", kif jagħmel is-Salm, donnu jrid ikisser iċ-ċirku tal-ispazju u taż-żmien biex idaħħal kollox fil-misteru etern tal-imħabba. Donnu jrid jgħid li mhux biss fl-istorja, imma għal dejjem il-bniedem se jkun taħt il-ħarsa ħanina tal-Missier. Mhux ta' b'xejn li l-poplu ta' Israel ried idaħħal dan is-Salm, il-"*Hallel* il-kbir" kif inhu msejjaħ, fil-festi liturġiċi l-iżjed importanti. Qabel il-Passjoni tiegħu, Ġesù talab b'dan is-Salm tal-ħniena. Dan jgħidhulna l-evanġelista Mattew meta jniżżel li wara li "kantaw is-salmi" (26:30), Ġesù u d-dixxipli tiegħu ħarġu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ. Waqt li Hu waqqaf l-Ewkaristija, tifkira dejjiema tiegħU u tal-Għid tiegħu, qiegħed simbolikament fid-dawl tal-ħniena dan l-ogħla att tar-Rivelazzjoni. Fl-istess xefaq tal-ħniena, Ġesù għex l-istess passjoni u mewt tiegħu, konxju mill-misteru kbir ta' mħabba li kellu jitwettaq fis-salib. Meta nafu li Ġesù nnifsu talab b'dan is-Salm, għalina l-Insara dan isir iktar importanti u jimpenjana biex nużaw dan ir-ritornell fit-talb tagħna ta' tifħir li nagħmlu kuljum: "Għal dejjem hi l-ħniena tiegħu".

Dan in-numru, li fih il-Papa jistedinna nagħmlu tagħna r-ritornell tas-Salm 136, "Għal dejjem hi l-ħniena tiegħu" (li l-Bibbja Maltija tittraduċi b'*tjieba*, li tinkludi fiha l-kunċett profond tal-ħniena,) jista' jgħinna biex nagħtu titwila aktar fit-tul lejn dan is-Salm tant sabiħ li għandu jakkumpanjana matul is-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena u jagħtina, biex ingħidu hekk, it-tokki tal-mużika li biha sejrin niżfnu l-ferħ tal-Ġublew.

## Salm 136

Is-Salm 136 huwa innu, litanija ta' radd il-ħajr użat fil-liturġija tat-Tempju. Nimmaġinawh jintuża fil-kant, b'solista jkanta l-ewwel vers u l-kor u l-poplu jtennu l-antifona "għax għal dejjem it-tjieba/il-ħniena tiegħu! L-ewwel tlett ivrus jiġbru fihom ġabra introduttiva ta' r-raġunijiet għar-radd il-ħajr lil Alla. Alla jingħata r-radd il-ħajr għaliH innifsu, Hu li Hu Tjieba u Ħniena:

"Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb,<br>
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.<br>
Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat,<br>
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.<br>
Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien,<br>
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu".

Mill-vers 5 sa 9 ir-radd ta' ħajr lil Alla jiġi mlaqqam fid-don tal-ħolqien. Alla jingħata r-radd ta' ħajr għaliex huwa Ħallieq, il-ħolqien kollu, li hu tajjeb u kollu ġmiel, huwa xogħol idejH. It-tjieba u l-ħniena ta' Alla jidhru fil-ħolqien:

"Hu waħdu għamel għeġubijiet kbar,<br>
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.<br>
Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb,<br>
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.<br>
Li firex l-art fuq l-ilmijiet,<br>
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.<br>
Li għamel id-dawl il-kbar,<br>
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.<br>
Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum,<br>
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.<br>
Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq il-lejl<br>
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu".

Imma Alla huwa anke dak li jirrivela lilu nnifsu fl-istorja tal-fidwa tal-poplu l-magħżul. Hu għalhekk li din il-litanija ta' radd il-ħajr tkompli billi ssib fil-ġrajjiet storiċi tal-fidwa – l-eżodu, il-mixja twila fid-deżert u d-dħul fl-art imwiegħda - ir-raġunijiet għar-radd ta' ħajr fil-vrus 10-22. It-tjieba u l-ħniena ta' Alla jidhru sewwa sew fil-ġrajjiet tal-fidwa tal-poplu l-magħżul:

“Hu darab l-Eġizzjani
f’uliedhom il-kbar,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U ħareġ lil Israel minn ġo
nofshom,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Ħariġhom b’id qawwija u bi
driegħ merfugħ,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu feraq fi tnejn il-Baħar tal-
Qasab,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U għadda lil Israel minn ġo
nofshom,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Ġarraf il-Fargħun u l-eżerċtu
tiegħu fil-Baħar tal-Qasab,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu mexxa fid-deżert il-poplu
tiegħu,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U xejjen slaten qawwija,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Qered slaten kbar,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Qered lil Siħon, sultan tal-
Amurrin,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U ’l Għog, sultan ta’ Basan,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U l-art tagħhom qassamha
b’wirt,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
B’wirt lil Israel, qaddej tiegħu,
għax għal dejjem it-tjieba
tiegħu”.

Il-grazzja ta’ Alla li kontinwament teħles u tifdi hija anke raġuni biex il-poplu jagħlaq ir-radd ta’ ħajr tiegħu fil-vrus 23 u 24. It-tjieba u l-ħniena ta’ Alla huma dejjem attwali:

Meta konna magħkusin ftakar
fina,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
U ħelisna mill-għedewwa
tagħna,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Lil kulħadd hu jagħti l-ikel,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Il-litanija tagħlaq bl-istedina qawwija:

Roddu ħajr lil Alla tas-
smewwiet,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Jidher li dan is-Salm ġie kompost fil-perjodu ta’ wara l-eżilju. Ċertament intuża fil-liturġija tat-tempju fil-festi b’konnotazzjoni agrikola u fl-Għid Lhudi. Illum huwa parti mill-“Ħallel il-Kbir”; jintuża fit-talb tas-Sibt filgħodu fis-Sinagogi u waqt iċ-Ċelebrazzjoni tal-Ikla tal-Għid.

Dan is-salm intiret mill-Knisja Nisranija. Kif stqarr il-Papa, ikun xieraq li jsir mudell ta’ talb matul is-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena. Jgħinna nidħlu f’dik it-taħbita tal-qalb li trodd ħajr kontinwament lil Alla għat-tjieba u għall-ħniena infinita tiegħu: fil-ħolqien, fl-istorja tas-salvazzjoni, fil-ġrajjiet kollha ta’ ħajjitna fejn bid-dieher nesperjenzaw il-grazzja tiegħu. F’din it-taħbita tal-qalb ta’ radd il-ħajr daħal Ġesù, anke awl il-passjoni tiegħu. FiH imsejħa nidħlu aħna wkoll biex ngħannu minn qalbna, b’fommna u ħajjitna, il-ħniena tiegħu li hi għal dejjem!



# TLIET PARABBOLI FUQ IT-TALB FL-EVANĠELJU SKONT SAN LUQA

***Rev Dr Martin Micallef OFMCap***

Fl-Evanġelju skont San Luqa jiddominaw tliet parabboli li jitkellmu fuq it-talb. Fil-fatt, dawn huma tliet parabboli li nsibuhom irrakkuntati biss f'dan l-Evanġelju li jagħti importanza kbira lit-tema tat-talb.[1] L-ewwel minn dawn it-tliet parabboli, insibuha rrakkuntata immedjatament

wara li Ġesù jgħallem lid-dixxipli jitolbu permezz tat-talba tal-'Missierna'. Huwa proprju hawnhekk li San Luqa jagħtina din il-parabbola (ara Lq 11, 5-13). Iż-żewġ parabboli l-oħra, imbagħad, insibuhom irrakkuntati wara xulxin (ara Lq 18, 1-14).

## Il-parabbola tal-ħabib

L-ewwel parabbola tippreżenta raġel li f'nofs ta' lejl imur iħabbat il-bieb ta' ħabibu jitolbu: "Ħabib, islifni tliet ħobżiet, għax ġie għandi wieħed ħabib tiegħi mill-vjaġġ u ma għandix x'nagħtih" (Lq 11,5-6). Sabiex napprezzaw il-qawwa tat-talba ta' dan il-ħabib tajjeb niftakru li fi żmien Ġesù, id-djar kien ikollhom kamra waħda li fiha l-familja kollha kienet torqod flimkien. Mela li tqajjem lil xi ħadd bil-lejl kien ifisser li se tqajjem ukoll il-familja kollha.

Ir-raġel li kien f'din id-dar, iżda, laqa' t-talba ta' ħabibu, jekk mhux minħabba l-ħbiberija tagħhom, tal-inqas minħabba "l-wiċċ *sfiq* [bil-Grieg: *amaideia*] tiegħu (v.8), jiġifieri, minħabba l-fatt li dan ma staħax imur jitolbu f'ħin stramb bħal dan meta kien jaf li kien se jqajjem lill-familja kollha ta' ħabibu.[2]

Ġesù jakkumpanja din il-parabbola b'aktar tagħlim fuq it-talb. Hawnhekk tajjeb ninnutaw ir-repetizzjoni ta' tliet imperattivi użati b'ċertu ritmu b'mod illi dan jgħin sabiex joħroġ aktar l-effett tal-kliem ta' Ġesù: "itolbu … fittxu … ħabbtu …" (v.9). Kull wieħed minn dawn it-tliet imperattivi hu akkumpanjat minn wegħda: "Itolbu *u jingħatalkom,* fittxu *u ssibu,* ħabbtu *u jiftħulkom*" (v.9). Imbagħad fil-versi ta' wara nsibu repetizzjoni tal-verbi ewlenin: "għax kull min *jitlob,* jaqla', min *ifittex* isib, u min *iħabbat,* jiftħulu" (v.10).

Il-qarrejja ta' dan l-Evanġelju huma mitlubin imbagħad iwieġbu għall-mistoqsija li Ġesù jagħmel. Din id-darba, iżda, il-qarrejja m'għandhomx jiddentifikaw lilhom infushom mal-persuna tal-parabbola li tmur titlob, imma pjuttost ma' dak li se jagħti lil min jitlob. Huwa hawn fejn it-tjieba ta' Alla f'kuntest ta' talb toħroġ b'mod tassew sabiħ permezz tal-lingwaġġ ta' familja. Hekk jgħid Ġesù: "Min hu dak il-Missier



fostkom li, jekk ibnu jitolbu ħuta, minflok ħuta jagħtih serp? Inkella jekk jitolbu bajda jagħtih skorpjun?" (vv.11-12).

Hija l-imħabba tal-missier lejn uliedu li twasslu biex jagħti ħuta u mhux serp, jew inkella bajda u mhux skorpjun lil uliedu meta dawn jitolbuh. Fid-dawl ta' dan l-argument, Ġesù għalhekk jikkonkludi: "Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier tas-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu!" (v.13).

Il-parabbola, mela, trid turina li jekk xi ħadd jilqa' t-talba ta' ħabib imprudenti bħalma kien dak ir-raġel li mar jittallab f'nofs ta' lejl, kemm aktar Alla jilqa' t-talb ta' wliedu. F'kelma oħra, permezz ta' din il-parabbola jidher li Ġesù ried ifakkarna fiċ-ċertezza li Alla jisma', jilqa' u jwieġeb għat-talb ta' dawk li jitolbuh.

## Il-parabbola tal-imħallef u l-armla

It-tieni parabola fuq it-talb li nsibu fl-Evanġelju skont San Luqa hija dik tal-imħallef ħażin u l-armla (ara Lq 18,1-8). Ġesù jirrakkonta din il-parabbola biex juri lid-dixxipli "li għandhom dejjem jitolbu *bla ma jaqtgħu*" [bil-Grieg: *egkakeo*]" (v.1), jew aħjar "bla ma jaqtgħu qalbhom" kif jidher li hi t-tifsira tal-verb *egkakeo* li juża San Luqa hawnhekk.[3]

Ġesù jispjega din l-istedina tiegħu għal talb kontinwu permezz tal-parabbola li titkellem fuq armla li kienet tmur tiffitta mħallef u tgħidlu: "Agħmilli ħaqq kontra l-għadu tiegħu" (v.3). It-talba ta' din il-mara armla hija waħda persistenti bħalma hija dik ta' dak il-ħabib li mar għand sieħbu f'nofs ta' lejl jitolbu l-ħobż.

Tajjeb ninnutaw li din l-armla persistenti mhijiex l-unika armla li tissemma fin-narrativa ta' San Luqa f'kuntest ta' talb. Fil-bidu ta' dan l-Evanġelju diġà tissemma "il-profetessa Anna … li romlot. Sa ma kellha erbgħa u tmenin sena ma kienet titwarrab qatt mit-Tempju, lejl u nhar taqdi lil Alla fis-sawm u *t-talb*" (2,36-37).

Minkejja li l-Liġi ta' Mosè kienet tinsisti li ssir ġustizzja mar-romol li soċjalment kienu persuni fraġli ħafna,[4] il-parabbola tippreżenta każ estrem għaliex l-imħallef li għandu kienet tmur l-armla sabiex titolbu jagħmlilha ħaqq "la kien jibża' minn Alla u lanqas iħabbel rasu minn ħadd" (18,2). Minħabba f'hekk, it-talb tal-armla lil dan l-imħallef sabiex jgħinnha, kien kollu ta' xejn.

Dan l-imħallef iżda ma setax jibqa' jagħlaq għajnejh għat-talb persistenti ta' din l-armla. "Mhux għax nibża' minn Alla jew għax se nħabbel rasi min-nies, imma għallinqas għax din l-armla dejqitni; ħa nagħmlilha ħaqq, biex ma tibqax ġejja u sejra sa ma tifnini" (vv.4-5), qal dan l-imħallef waħdu. Interessanti nieqfu hawn fuq l-aħħar kelma li jtenni l-imħallef, il-kelma 'tifnini.' Bil-Grieg, din il-kelma hija *hypopiazo*, li litteralment tfisser,



‘tolqot taħt l-għajnejn’ jew dik li bl-Ingliż ngħidulha *black eye*.[5]

Ġesù, imbagħad, jasal għall-konklużjoni billi joħloq kuntrast bejn l-imħallef ħażin u l-Mulej Alla: “Imbagħad Alla, lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq? Se joqgħod itawwal magħhom? Jien ngħidilkom, li malajr jagħmlilhom ħaqq?” (vv.7-8). Fil-qalba ta’ din il-parabbbola hemm, mela, enfasi fuq il-persistenza fit-talba tal-armla lill-imħallef. Hekk ukoll, id-dixxipli għandhom jipperseveraw fit-talb tagħhom lil Alla imqar meta dak li jitolbu ma jaqilgħuhx mill-ewwel.

## Il-parabbola tal-fariżew u l-pubblikan

Dan iġibna għall-parabbola l-oħra li hija t-tielet parabbola fuq it-talb li ssewgi immedjatament dik tal-imħallef ħażin u l-armla. Din id-darba, Ġesù jitkellem fuq Fariżew u pubblikan li t-tnejn marru t-Tempju sabiex jitolbu (ara Lq 18,9-14). Kemm il-Fariżew kif ukoll il-pubblikan huma żewġ kategoriji li jieħdu ċertu prominenza fl-Evanġelju skont San Luqa. Il-Fariżej huma ppreżentati bħala dawk li kienu jqisu lilhom infushom bħala nies ġusti u “maqtugħin” min-nies l-oħrajn, kif jidher li jfisser l-isem “Fariżej.”[6] Ħajjithom kienet tikkonċentra ħafna fuq il-ħarsien tal-Liġi.

Min-naħa l-oħra, il-pubblikani kienu meqjusin f’għajnejn il-Lhud bħala nies midinbin, li kienu jiġbru t-taxxi għar-Rumani, u allura traditturi ta’ ġenshom u ħafna drabi ħalliela wkoll.[7] Imma issa Ġesù jaħsad lil dawk li kienu qed jisimgħuh jgħid din il-parabbola meta jaqleb ta’ taħt fuq l-impressjonijiet li n-nies kellhom fuq dawn iż–żewġ kategoriji ta’ persuni fis-soċjetà Lhudija ta’ żmienu.

Il-parabbola tibda b’deskrizzjoni tat-talba tal-Fariżew fit-Tempju li “wieqaf talab hekk f’qalbu: ‘O Alla, niżżik ħajr li m’iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-pubblikan. Jien insum darbtejn fil-ġimgħa, u nħallas l-għexur ta’ kulma ndaħħal’” (vv.11-12). Mill-ewwel daqqa t’għajn, din it-talba tal-Fariżew tidher bħala rifless ta’ bniedem ġust u devot. It-tifħir tiegħu lil Alla iżda ma jdumx ma jinbidel fi ftaħir fuqu nnifsu, meta huwa jikkuntrasta l-imġiba tiegħu ma’ dik ta’ bnedmin oħra, inkluż tal-pubblikan li kien hemm

warajh jitlob. F'kelma oħra, it-talba tal-Fariżew spiċċat f'ġudizzju u kliem kontra l-oħrajn għaliex hu qies lilu nnifsu aħjar mill-oħrajn.

Mhux biss, imma t-talba tiegħu, jekk nistgħu nsejħulha 'talba', turi li dan il-Fariżew ma kienx jiddependi fuq Alla għal dak li kien jagħmel. Minflok hu jidher li kien jistrieħ fuq il-ħila tiegħu. Fil-fatt ninnutaw li f'dik li kellha tkun it-talba tiegħu, huwa ma jitlob xejn lil Alla, l-istess kif ma kellu xejn għalfejn ifaħħar lil Alla. Kulma għamel kien biss li ftaħar b'dak li jagħmel quddiem Alla filwaqt li għadda ġudizzju fuq l-oħrajn meta pprova jikkuntrastahom mal-imġiba tiegħu.

Il-parabbola, imbagħad, tikkonċentra fuq il-pubblikan. Il-fatt li dan mar jitlob fit-Tempju turina li hu wkoll kien Lhudi. Il-pożizzjoni u l-ġesti tal-pubblikan huma fattur importanti fid-deskrizzjoni li l-Evanġelista San Luqa jagħtina fuq dan il-personaġġ ta' din il-parabbola. Hekk naqraw li l-pubblikan "bilwieqfa fil-bogħod anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru" (v.13) b'ġest ta' ndiema. Minflok, mela, ma' dan il-pubblikan jieħu l-pożizzjoni li ssoltu jieħdu l-Lhud meta jitolbu, jiġifieri, bilwieqfa b'għajnejhom u idejhom 'il fuq,[8] huwa lanqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema b'sens ta' sogħba.[9]

It-talba tal-pubblikan hija pjuttost qasira f'kuntrast ma' dak li jtenni l-Fariżew qablu. Hekk jgħid il-pubblikan: "O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!" (v.13).[10] F'din it-talba, mela, il-pubblikan kien qed jippreżenta lilu nnifsu quddiem Alla bħala bniedem midneb, għalkemm huwa ma jispeċifikax x'kien id-dnub tiegħu, f'kuntrast mal-Fariżew li ta lista ta' affarijiet tajba li kien jagħmel.

Meta l-parabbola tlesti mid-deskrizzjoni li tagħti fuq il-kontenut tat-talb ta' dawn iż-żewġ personaġġi, inkomplu naqraw dwar dak li Ġesù kellu aktar x'jgħid fuq dan il-Fariżew u l-pubblikan: "Ngħidilkom jien li dan [il-pubblikan], u mhux l-ieħor [il-Fariżew], niżel id-dar iġġustifikat. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken, u min jiċċekken, jitkabbar" (v.14).

Kif setgħu l-pubblikani, magħrufin għas-serq tagħhom, jiġu ddikjarati minn Ġesù stess bħala persuni 'iġġustifikati'? Dan il-ġudizzju ta' Ġesù żgur li ħasad lil dawk li kienu qegħdin jisimgħuh. Dak li rridu nżommu f'moħħna hawnhekk, iżda huwa li Ġesù



ma kienx qed japprova d-dnub tal-Pubblikani. Fil-fatt kieku kellna nqabblu dak li naqraw hawnhekk f'din il-parabbola mal-episodju tal-laqgħa ta' Ġesù ma' Żakkew, wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, nindunaw kemm Ġesù ma kienx qed jiskuża lill-pubblikani fis-serq tagħhom (ara Lq 19,1-10).

Minflok, San Luqa matul in-narrativa tal-Evanġelju li ħallielna, jurina kif il-pubblikani u midinbin oħra kienu qed jilqgħu l-predikazzjoni ta' Ġesù b'fiduċja kbira fil-ħniena ta' Alla, filwaqt li kienu jitolbu ħniena u maħfra bħalma għamel il-pubblikan ta' din il-parabbola.

Din il-parabbola, mela, isservi biex turina li dak li l-aktar jimporta quddiem Alla hija l-bidla tal-qalb, jew aħjar it-tweġiba vera tal-bniedem niedem lejn l-imħabba ta' Alla. Huwa meta aħna nagħmlu din l-esperjenza li t-talb tagħna jkun jista' jinfed il-qalb ħanina ta' Alla.

Dawn it-tliet parabboli għalhekk iservu biex permezz tagħhom Ġesù jkompli jurina kemm hu importanti t-talb fil-ħajja tad-dixxipli. Fl-ewwel parabbola rajna li d-dixxipli m'għandhomx joqogħdu jiddejqu jħabbtu u jitolbu lil Alla li hu missier twajjeb. Fit-tieni parabola ħarisna lejn l-insistenza fit-talb, imqar meta Alla jidher li mhux qed jisma' dak li d-dixxipli jkunu qegħdin jitolbu. Fit-tielet parabbola, imbagħad, tkellimna fuq l-atteġġjament li d-dixxipli għandu jkollhom quddiem Alla meta jersqu sabiex jitolbu: mhux l-atteġġjament tal-Fariżej imma ta' persuni li jersqu quddiem Alla b'indiema u sogħba għal dnubiethom.

## Referenzi

1 Ara ż-żewġ artikli tal-istess awtur li dehru fil-ħarġiet ta' qabel din fl-*Art Imqaddsa*. Għal studju li jitratta l-parabboli kollha li jirrakonta San Luqa fl-Evanġelju tiegħu, ara J.K. Kilgallen, *Twenty Parables of Jesus in the Gospel of Luke* (Subsidia Biblica 32), Rome 2008.

2 Fuq l-interpretazzjoni tal-kelma "wiċċ sfiq" f'din il-parabbola ara, K.R. Snodgrass, *Stories with Intent: A Comprehensive Guide to the Parables of Jesus,* Grand Rapids/MI – Cambridge 2008, 442-449.

3 Għall-użu ta' dan il-verb ara 2 Tess 3,13; Gal 6,9; 2 Kor 1,16; Efes 3,13.

4 Ara Eżod 22,22-24; Dewt 24,17.

5 Ara W. Liefield, *Parables on Prayer (Luke 11:5-13; 18:1-14),* in *The Challenge of Jesus' Parables,* edited by R. N. Longenecker, Grand Rapids/MI – Cambridge 2000, 257.

6 Ara A.J. Saldarini, *Pharisees, Scribes and Sadducees in Palestinian Society: A Sociological Approach,* Wilmington 1988, 220-225.

7 Ara R.Danahue, *Tax Collectors and Sinners: An Attempt at Identification,* in *Catholic Biblical Quarterly* (1971): 39-61.

8 Ara Salm 123,1; Ġw 11,41; 1 Tim 2,8.

9 Ara Esdra 9,6.

10 Il-kelma bil-Grieg: *hilaskomai* li juża hawn San Luqa ġiet tradotta bil-Malti bħala "ħenn għalija." Din hija kelma rari fil-vokabularju tat-Testment il-Ġdid. Fil-fatt, din hija kelma li soltu tintuża pjuttost fil-kuntest tas-sagrifiċċji li kienu jsiru fit-Tempju bħala tpattija għad-dnubiet. Ara Lhud 2,17.



# MONASTERI FID-DEŻERT TAL-LHUDIJA: IL-MONASTERU TA' MAR SABA

***Noel Muscat ofm***

Il-monasteru ta' San Saba, jew *Laura* ta' Mar Saba, hu l-akbar u l-aktar monasteru famuż tad-deżert tal-Lhudija. Il-kumpless enormi ta' ċelel imħaffrin fil-blat, għerien, knejjes, kjostri, ħitan u torrijiet li donnhom jixxabbtu mad-dagħbien u qishom ħarġu b'mod naturali mill-blat



u l-ġebel tad-deżert, jinsab mibni fuq il-ġenb tal-Wied tal-Kedron, madwar 15-il kilometru lejn il-lvant ta' Betlehem.

Il-Wied tal-Kedron hu importanti ħafna fil-Bibbja. Fil-fatt jibda proprju f'Ġerusalemm, bejn l-Għolja tat-Tempju u l-Għolja taż-Żebbuġ. Fl-ewwel taqsima tiegħu jissejjaħ *Wadi Joz* (il-Wied tal-Ġewż). Malli jasal qrib il-Ġetsemani, proprju taħt l-Għolja taż-Zebbuġ, jissejjaħ Wied tal-Kedron, min-nixxiegħa li kienet tinżel fih fl-istaġun tax-xita. Kien proprju fil-Wied tal-Kedron li Ġesù ġie nhar Ħamis ix-Xirka bil-lejl, meta għadda mill-agunija tiegħu fuq il-blat li hemm mal-ġenb tal-wied, imdellel mis-siġar taż-żebbuġ (Ġw 18,1; Mt 26,36-46; Mk 14,32-42; Lq 22,39-46). Wara li jgħaddi minn taħt l-oqbra monumentali u l-fdalijiet tal-belt ta' David, fejn jiltaqa' mal-Wied tat-Tiropoeon u mal-Wied ta' Ħinnom, il-wied ikompli nieżel f'direzzjoni ta' lvant ix-xlokk lejn il-Baħar il-Mejjet. Hu f'din iż-żona li fiha jaqsam id-Deżert tal-Lhudija li l-Wied tal-Kedron hu wkoll magħruf bħala *Wadi en Nar*, il-Wied tan-Nar.

Hu f'din iż-żona li jinsab il-Monasteru ta' Mar Saba. Il-monasteru ħa ismu mill-fundatur ta' din il-*Laura* famuża, xi kultant imsejħa sempliċement bl-isem tal-*Laura* l-kbir, jiġifieri San Saba. Saba twieled f'Mutalaska fil-Kappadoċja (Turkija) fis-sena 439. Trabba fid-diversi ċenobji li l-irħieb kellhom fil-Kappadoċja, sakemm meta kellu 18-il sena ġie Ġerusalemm. Għall-ewwel ingħaqad mal-arċimandrita San Passarion f'Ġerusalemm fis-sena 456. Mill-ewwel inġibed lejn is-sbuħija selvaġġa u solitarja tad-Deżert tal-Lhudija u mar joqgħod fil-Monasteru ta' San Euthymius għal 12-il sena. Il-Monasteru ta' San Euthymius (Ewtimju), imsejjaħ illum *Khan al-Aħmar*, jinsab fiċ-ċentru tal-insedjament ta' Mishor Adhumim, xi 14-il kilometru bogħod minn Ġerusalemm, qrib it-triq li minn Ġerusalemm tinżel lejn

Ġeriko, u xi 3 kilometri bogħod minn monasteru ieħor famuż tad-deżert, dak ta' Martyrius (*Khirbet Murassas*), li llum jinsab inkluż fl-insedjament kbir modern Lhudi ta' Ma'ale Adummim. Euthymius bagħat lil Saba għand Abba Theoctystus, li kien waqqaf *Laura* oħra fid-deżert fil-Wadi Mukalik.

Meta kellu 30 sena Saba talab permess biex imur jgħix waħdu f'solitudni assoluta fid-deżert, u qatta' 5 snin idur minn post għal ieħor. Fl-aħħar, fis-sena 478, wasal fil-Wied tal-Kedron u daħal jgħix f'għar fuq l-irdum li jagħti għal fuq il-wied. Kien post ideali mhux biss għax kien maqtugħ mid-dinja, imma wkoll għax fil-qiegħ tal-wied dak iż-żmien kienet tgħaddi n-nixxiegħa tal-Kedron (illum sfortunatament flok in-nixxiegħa jgħaddi kanal tad-drenaġġ minn Ġerusalemm!). Saba beda jgħix f'dan il-post, imma ma damux ma ingħaqdu miegħu diversi rħieb u eremiti oħrajn. Fis-sena 483, meta Saba kellu 45 sena, waqqaf il-*Laura* li ġġib ismu, ġabra ta' għerien u ċelel madwar monasteru ċentrali. Diversi minn dawn l-għerien għadhom jidhru mit-terrazzin tal-monasteru n-naħa l-oħra tal-wied.

Saba dam imexxi l-monasteru li waqqaf għal kważi 50 sena. Kien f'dan iż-żmien li l-monasteru żviluppa u kiber, hekk li kien hemm perjodi li fih setgħu jgħixu mal-500 raħeb. Biex jiddefendu l-monasteru mill-ħallelin tad-deżert l-monaċi bdew il-ħitan forma ta' swar li jdawru din il-binja impressjonanti, l-aktar jekk wieħed iħares lejn ix-xaqliba li hi mdendla fuq il-wied profond. Saba kien strumentali biex jitwaqqfu ħafna monasteri oħrajn fid-Deżert tal-Lhudija. Jingħad li hu waqqaf mat-13-il monasteru fid-deżert, li 7 minnhom kienu *Laure* u 6 ċenobji. Diversi monasteri li kienu diġà jeżistu talbuh biex jagħtihom forma u dixxiplina bit-tmexxija tiegħu, speċjalment il-Monasteri ta' Euthymius u Theoctistus. Meta kien għadu ħaj id-Deżert tal-Lhudija sar reġjun li fiha bdew jgħixu mhux mijiet, imma eluf, ta' monaċi, hekk li fil-bijografija ta' San Saba, Ċirillu ta' Scythopolis jgħid li hu "biddel id-deżert f'belt". It-tmexxija ta' Saba tat ħajja ġdida lill-istil ta' ħajja tal-monaċi. Kien l-ewwel wieħed fost il-Missirijiet





tad-Deżert li fformula regoli għall-monaċi li kienu jgħixu fid-Deżert tal-Lhudija.

Saba miet fis-sena 532 meta kellu 93 sena. Ġie midfun fil-kjostru prinċipali tal-monasteru quddiem il-knisja. Illum il-ġurnata għad hemm il-kappella tonda, forma ta' koppla żgħira, li timmarka l-post oriġinali li fih kien midfun San Saba. Fil-mewt tiegħu l-monasteru kien *Laura* kbira ħafna, li kienet iċ-ċentru tad-diversi għerien u ċelel li fihom kienu jgħixu mijiet ta' rħieb.

Il-Monasteru ta' San Saba kompla jiffjorixxi, imma fis-sena 614 kien hemm l-invażjoni tal-Persjani, li qerdu u kissru l-monasteri u l-knejjes li sabu fil-Palestina, saħansitra l-monasteri l-aktar imbiegħda tad-Deżert tal-Lhudija. F'San Saba għamlu massakru sħiħ mill-monaċi, u għadhom imħarsin sal-lum id-diversi fdalijiet ta' rjus u għadam tal-monaċi mmartirizzati fil-kappella-għar ta' San Nikola, qrib il-kjostru u l-qabar ta' San Saba. L-irjus għandhom fuqhom imnaqqax is-salib, bħala sinjal tal-martirju ta' dawn l-irħieb. Il-monasteru mbagħad ġie restawrat fis-sena 629, imma wara li sofra attakk ieħor mill-ħallelin tad-deżert fis-sena 796 reġa' ġie msaħħaħ bi swar u ħitan.

Mal-wasla tal-Kruċjati l-monasteru ġie mogħti importanza u rrestawrat. Il-Kruċjati bnew diversi binjiet fil-monasteru, kif ukoll komplew isaħħu l-ħitan ta' protezzjoni. Meta ntemm ir-Renju Kruċjat Latin ta' Ġerusalemm, il-Kruċjati ħadu l-fdalijiet ta' San Saba lejn Venezja. Dawn damu hemm għal sekli sħaħ, sakemm il-Beatu Papa Pawlu VI ordna li jingħataw lura lill-monaċi Griegi Ortodossi tal-Monasteru ta' San Saba fl-1965, wara l-vjaġġ apostoliku li kien għamel fl-Art Imqaddsa, u bħala ġest ta' ekumeniżmu mal-Knejjes tal-Lvant. Minn dik is-sena l-fdalijiet ta' San Saba ttieħdu lura fil-monasteru, imma mhux fil-qabar oriġinali. Jinsabu venerati fil-ġenb tal-knisja tal-monasteru.

Fl-1185, ftit qabel ma ntemmet il-ħakma tal-Kruċjati, ir-raħeb Grieg

Ġwann Phocas jagħtina din id-deskrizzjoni tal-Monasteru ta' Mar Saba: "Il-ħondoq jitwessa f'wied xott, li fih wieħed jara l-*Laura*, il-knisja u l-qabar tal-qaddis. Quddiem il-*Laura*, fuq iż-żewġ naħat tal-ħondoq, jinsabu għerien u torrijiet, li fihom jgħixu dawk li ċaħdu d-dinja, li jissapportu s-sħana qawwija. Fil-post li fih hemm il-knisja u l-qabar tal-missier imqaddes Saba, il-ħondoq jinfired fi tliet taqsimiet, u għandu fond tal-biża'. Il-qaddis bena torrijiet fi truf il-ħondoq, u f'nofs it-torrijiet bena l-knisja. Il-knisja hi mimlija tiżjin sabiħ, l-art tagħha hi miksija bl-irħamijiet, li nġabu mid-deżert u huma maħdumin b'sengħa. Quddiem il-knisja hemm kjostru, u f'nofsu jinsab il-qabar tal-missier kbir tagħna San Saba. Qrib tiegħu wieħed jista' jara wkoll l-oqbra tal-missirijiet qaddisa li bid-dawl tagħhom dawlu d-deżert, fosthom insibu dawk tal-qaddisin Kosma u Ġwann (Damaxxenu)" (PG 133, 948).

Il-Monasteru ta' San Saba kien wieħed mill-ftit monasteri tad-Deżert tal-Lhudija li qatt ma ġew abbandunati mill-monaċi. Dan minkejja li, fi żmien il-ħakma tat-Torok Ottomani (1517-1917) il-monasteru ġie attakkat kemm il-darba mill-Bedwini tad-deżert. Sofra wkoll ħsarat kbar fit-terremot devastanti tal-1837, imma fl-1840 ġie restawrat mill-ġdid minn monaċi Russi. Illum il-ġurnata l-monasteru hu proprjetà tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm.

Iż-żjara tal-monasteru hi possibbli, imma biss għall-irġiel, u mhux dejjem f'ċerti ġranet ta' festi jew perjodi ta' sawm. Il-monasteru tasal għalih minn Betlehem, mit-triq li tgħaddi minn Beit Sahur u minn Ubeidya, u li fiha tiltaqa' wkoll mal-Monasteru ta' San Teodosju. It-triq tinżel isserrep mal-ġenb tal-wied sa ma twasslek fid-daħla tal-monasteru. Il-monasteru hu protett minn torri kbir fil-faċċata. Hemm ukoll torri ieħor fuq l-irdum, imsejjaħ "it-Torri tan-Nisa", għax dan hu l-uniku post li minnu n-nisa



jistgħu jittawlu ’l isfel lejn il-binja tal-monasteru. Kif għidna diġà, hu projbit li n-nisa jidħlu fil-monasteru. Mill-bieb ewlieni tibda nieżel turġien li jwassluk direttament fil-kjostru żgħir quddiem il-knisja. Fiċ-ċentru tal-kjostru hemm l-edikola tonda, b’koppla mdeheba, li fiha kien oriġinarjament midfun San Saba qabel mal-Kruċjati ħadu l-fdalijiet tiegħu Venezja. Il-kappella hi mimlija affreski sbieħ li juru xeni mill-ħajja ta’ San Saba.

Mill-kappella tgħaddi lejn il-knisja li hi eżattament faċċata. Il-knisja hi binja sabiħa fi stil Kruċjat b’navata ċentrali u saqaf ġej għall-ponta, u koppla. Hi knisja tipikament Griega Ortodossa bl-ikonostasi, lampieri u linef, u hi mudlama ħafna. Fuq il-ġenb tal-lemin wieħed jista’ jqim il-fdalijet ta’ San Saba, li huma magħluqin fil-ħġieġ u li reġgħu lura f’posthom wara sekli twal ta’ firda bejn il-Knisja Latina u dik Griega. Fil-knisja, li hi ddedikata lit-*Theotokos* (Marija Omm Alla) fil-misteru tal-Annunċjazzjoni hemm ukoll il-fdalijiet ta’ San Ġwann Damaxxenu (676 – 749) li kien għex għal xi żmien fil-Monasteru ta’ San Saba, u li kien figura importanti waqt il-kriżi Ikonoklasta meta fis-sena 726 kiteb lill-Imperatur Biżantin Leo III u ċanfru tal-editti li bihom kienet projbita l-venerazzjoni lejn l-ikoni, li sfortunatament bdew jiġu meqrudin diversi minnhom. Ġwann kien twieled f’Damasku u kien funzjonarju waqt il-ħakma tal-Kaliff Musulman Abd al-Malik. Kien iż-żmien li l-Palestina u l-Lvant Nofsani kienu waqgħu taħt ħakma Musulmana. Ġwann Damaxxenu mar il-Palestina, fejn sar ukoll raħeb u beda jgħix fil-Monasteru ta’ San Saba, fejn miet. Il-qabar ta’ San Ġwann Damaxxenu jinsab f’għar taħt il-monasteru. Il-festa ta’ San Ġwann Damaxxenu ssir fl-4 ta’ Diċembru u dik ta’ San Saba fil-5 ta’ Diċembru.

Mill-knisja wieħed jgħaddi f’sala li fiha hemm esposti diversi ikoni Biżantini ta’ preġju kbir u affreski. Minn din is-sala l-viżitaturi jitħallew joħorġu fuq it-terrazzin li jagħtik dehra panoramika tal-Wied tal-Kedron, bis-swar tal-monasteru li jwiżnuh sa mill-qiegħ tal-wied telgħin jixxabbtu mal-blat, u faċċata d-diversi għerien tal-ewwel rħieb li għexu f’dan il-post, partikolarment iċ-ċella ta’ San Saba li hi mmarkata b’salib.

Lura fil-kjostru wieħed imur lejn in-naħa tal-majjistral biex iżur knisja trogloditika (knisja-għar) iddedikata lil San Nikola. Hi tikkonsisti f’għar naturali li ġie maħdum f’sala rettangolari. Fuq in-naħa ta’ ġewwa ta’ din l-kappella-għar wieħed jista’ jara l-irjus tal-monaċi martirizzati fil-persekuzzjoni tal-Persjani tas-sena 614. Deskrizzjoni dettaljata u esperta tal-Monasteru ta’ San Saba saret minn Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*, Vol. 2, Cambridge University Press 1998, 258-268.

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2016

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali

____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2016

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2016

## Art Imqaddsa
*Imexxi Mons Arċisqof Charles J. Scicluna*
4 - 12 Mejju

## Art Imqaddsa
25 Frar - 4 Marzu
13 - 21 Lulju
3 - 11 Awwissu
1 - 9 Settembru
10 - 18 Settembru

## Art Imqaddsa u Ġordanja
25 Frar - 4 Marzu

## Art Imqaddsa *Extra*
6 - 16 Novembru

## Polonja
23 - 27 Lulju

## Assisi
23 - 28 Awwissu

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

